



ISSN 1831-1318



IL-QORTI EWROPEA TAL-AUDITURI

IR-RAPPORT TA' ATTIVITÀ
ANNWALI GĦALL-

2009

MT



Il-Qorti Ewropea tal-Audituri

IR-RAPPORT TA' ATTIVITÀ ANNWALI GĦALL-

2009

**Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet
għall-mistoqsjiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea**

**Numru tat-telefown ġdid bla ħlas (*):
00 800 6 7 8 9 10 11**

(*) Ċerti operaturi tat-telefonija ċellulari ma jippermettux aċċess għal numri 008 00 jew inkella dawn it-telefonati jkunu bi ħlas.

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet. Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (<http://europa.eu>).

Informazzjoni dwar il-katalogar tinsab fit-tmiem ta' din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2010

ISBN 978-92-9207-645-0
doi:10.2865/31866

© L-Unjoni Ewropea, 2010
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

Printed in Belgium

STAMPAT FUQ KARTA BAJDA ĦIELSA MILL-KLORUR

WERREJ

3

- 4 – 5 IL-PREFAZJU TAL-PRESIDENT
- 6 – 7 IL-MISSJONI, IL-VIŻJONI, IL-VALURI U L-OBJETTIVI STRATEĠIĊI
- 8 – 13 L-IRWOL U X-XOGĦOL TAL-QORTI
- 14 – 17 L-IRWOLI U R-RESPONSABBILITAJIET
- 18 – 28 ĦARSA ĠENERALI LEJN IR-RAPPORTI TAL-VERIFIKA
- 29 – 30 IS-SEGWITU U L-IMPATT
- 31 – 32 IL-FEHMA TAL-QORTI
- 33 – 35 IX-XOGĦOL IPPJANAT TAL-QORTI FL-2010
- 36 – 38 IL-PRESTAZZJONI – KEJL U TITJIB
- 39 IL-KOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI
- 40 – 47 IR-RIŻORSI UMANI U S-SERVIZZI TA' SOSTENN
- 48 – 51 INFORMAZZJONI FINANZJARJA
- 52 DIKJARAZZJONI MILL-UFFIċJAL TA' AWTORIZZAZZJONI B'DELEGA



IL-PREFAZJU TAL-PRESIDENT



Merħba fir-Rapport ta' Attività Annwali 2009 tal-Qorti Ewropea tal-Audituri. Dan jimmira li jagħti ħarsa ġenerali lejn ir-riżultati u l-kisbiet prinċipali tal-Qorti matul is-sena kif ukoll l-iżviluppi prinċipali fl-ambjent tal-verifikasi u fl-organizzazzjoni interna tagħha.

L-2009 kienet sena importanti ta' tiġidid għall-UE, ikkaratterizzata mill-elezzjoni tal-Parlament Ewropew il-ġdid, id-daħla fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona, u l-bidu tal-proċess tal-għażla ta' Kummissjoni Ewropea ġdida. It-Trattat il-ġdid jaffirma mill-ġdid l-irwol u l-mandat tal-Qorti kif ukoll l-istatus tagħha bħala istituzzjoni tal-UE u jintroduċi bidliet fil-mod kif il-fondi tal-UE għandhom ikunu ġestiti u mgħarbla, u b'hekk jissaħħa l-irwol tal-Parlament Ewropew u tiġi enfasizzata r-responsabbiltà tal-Istati Membri għall-implimentazzjoni tal-baġit.

Il-Qorti tantiċipa li dawn l-iżviluppi se jgħibu opportunitajiet importanti biex titjieb il-ġestjoni finanzjarja tal-UE. It-taqṣima "Il-fehma tal-Qorti" tiġbor fil-qosor l-opinjoni tagħna dwar ir-riskji u l-isfidi li l-Kummissjoni l-ġdida se tiffaċċja. Hija tidentifika t-titjib tal-kwalità tal-infiq tal-UE bħala prijorità kbira.

Il-Qorti għamlet progress sinifikanti matul is-sena fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-Verifikasi tagħha 2009 – 2012 u lejn l-iskopijiet li ntejbu l-impatt ta' xogħolna u li nużaw ir-riżorsi tagħna aħjar. Pass kbir kien id-deċiżjoni tal-Qorti li tistaqsi lill-Kunsill biex japprova Regoli ta' Proċedura ġoddha biex jgħinuna niffaċilitaw il-proċeduri tagħna għall-adozzjoni tar-rapporti u tal-opinjonijiet.

Barra dan, l-għadd ta' rapporti prodotti mill-Qorti tela' minn 42 fl-2008 għal 57 fl-2009. Bi pjaċir nista' nirrapporta li l-prodott ewljeni tagħna, ir-rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE, kien għal darb'oħra milqugħ sew mill-partijiet interessati istituzzjonali prinċipali tagħna li adottaw ħafna mir-rakkmandazzjonijiet tiegħu.

Matul l-2009 l-Qorti ssuktat fil-koperazzjoni attiva tagħha mal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifikasi (SAIs) tal-Istati Membri sabiex jiġu żviluppati approċċi komuni għall-verifikasi tal-fondi tal-UE u sabiex jiġi kkunsidrat kif is-SAIs jistgħu jgħinu lill-gvernijiet biex iwieġbu għall-kriżi finanzjarja u ekonomika.

Il-kisbiet tal-Qorti jiddependu fuq il-kwalità u l-motivazzjoni tat-880 persunal tagħha. Is-sodisfazzjon tagħhom huwa indikatur prinċipali tal-kapaċità tal-istituzzjoni li din tirnexxi, u huwa inkluż f'dan ir-rapport għall-ewwel darba. Nixtieq nirringrazzjahom għall-entużjażmu u għall-impenn tagħhom li jgħinu lill-Qorti twettaq il-missjoni tagħha.

Vítor Manuel da Silva Caldeira
President

IL-MISSJONI, IL-VIŻJONI, IL-VALURI U L-OBJETTIVI STRATEĠIĊI

6

IL-MISSJONI

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri hija l-Istituzzjoni tal-UE mwaqqfa bit-Trattat sabiex twettaq il-verifika tal-finanzi tal-UE. Bħala l-awditur estern tal-UE, hija tikkontribwixxi għat-titjib tal-ġestjoni finanzjarja tal-UE u taġixxi bħala l-gwardjan indipendent tal-interessi finanzjarji taċ-ċittadini tal-Unjoni.

IL-VIŻJONI

Qorti tal-Awdituri indipendent u dinamika, rikonoxxuta għall-integrità u l-imparzjalità tagħha, irrispettata għall-professjonaliżmu tagħha u għall-kwalità u l-impatt ta' xogħolha, u li tipprovd sostenn kruċjali għall-partijiet interessati tagħha sabiex ittejeb il-ġestjoni tal-finanzi tal-UE.

IL-VALURI

INDIPENDENZA, INTEGRITÀ U IMPARZJALITÀ	PROFESSIONALIZMU	IŻŻID IL-VALUR	EĊĊELLENZA U EFFIĊENZA
Indipendenza, integrità u imparzjalità għall-istituzzjoni, il-Membri tagħha u l-personal	Iżżomm standards għolja u eżemplari fl-aspetti professjonal kollha	Produzzjoni ta' rapporti relevanti, f'waqtom u ta' kwalità għolja, ibbażati fuq sejbiet u provi sodi, li jindirizzaw it-tħassib tal-partijiet interessati u jaġħtu messaġġ qawwi u awtoritattiv	Tagħti valur lill-individwi, żvilupp ta' talenti u ppremjjar għal prestazzjoni
Tagħti prodotti adegwati lill-partijiet interessati mingħajr ma tfitteżx istruzzjonijiet jew iċċedi għal pressjoni minn kwalunkwe sors barrani	Involviment fl-iżvilupp tal-verifika pubblika fl-UE u madwar id-dinja	Kontribuzzjoni lejn titjib effettiv tal-ġestjoni tal-UE u lejn kontabilità mtejba fil-ġestjoni tal-fondi tal-UE	Assigurazzjoni ta' komunikazzjoni effettiva sabiex tippromwovi spiritu ta' tim

L-OBJETTIVI STRATEĠIĊI

PROFESSIONALIŽMU	PRODOTT	PARTIJIET INTERESSATI	TAGħLIM U TKABBIR
Metodoloġija robusta, strateġija ta' verifikasi xierqa, żvilupp ta' prattika tal-verifikasi pubblika, standards tal-verifikasi komuni u kriterji tal-verifikasi fuq fondi tal-UE, kollaborazzjoni mas-SAls tal-UE, "qafas ta' kontroll tal-Komunità effettiv"	L-ġhażla ta' temi tal-verifikasi xierqa, il-puntwalità, iċ-ċarezza u l-leġibbiltà ta' rapporti, il-kwalità ta' verifikasi tal-prestazzjoni, iżidu l-impatt tar-rapporti	Iżżejjid ir-relazzjonijiet ma' min qiegħed jiġi vverifikat biex trawwem fehma tal-proċess tal-verifikasi u tikseb rikonoxximent usa' tar-riżultati tal-verifikasi	Tagħlim mill-eżerċizzju ta' peer-review sabiex issaħħaħ u tiżviluppa l-organizzazzjoni, il-metodi, il-proċessi u l-prodott u tagħmel użu massimu tal-effiċjenza
		Żvilupp ta' kuntatti mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill bħala awtoritajiet tal-baġit u tal-kwittanza	Implimentazzjoni ta' politiki tar-Riżorsi Umani li jkunu effettivi u dinamiċi
		Komunikazzjoni effettiva maċ-ċittadini tal-UE	Taħriġ professionali ta' kwalità għolja; titjib fl-infrastruttura
			Implimentazzjoni ta' politiki tal-IT



L-ISKOPIJET TAL-ISTRATEĠIJA TAL-VERIFIKA 2009-2012

- ◆ Tkabbir massimu tal-impatt ġenerali tal-verifikasi tagħna
- ◆ Żieda fl-effiċjenza permezz tal-aqwa użu mir-riżorsi

L-IRWOL U X-XOGĦOL TAL-QORTI

8


IL-BAĠIT TAL-UE HUWA L-PUNT TA' TLUQ GĦAX-XOGĦOL TAL-VERIFIKA TAL-QORTI

L-Unjoni Ewropea għandha baġit (2010) ta' madwar 123 biljun euro, madwar 1 % tad-dħul gross nazzjonali (DGN) tas-27 Stat Membru tagħha. Meta mqabbel ma' baġits nazzjonali dan huwa sehem żgħir. Madankollu, għal xi Stati Membri, il-fondi mill-UE għandhom irwol importanti fil-finanzjament ta' attivitajiet pubbliċi u l-ammont totali huwa sostanzjali meta mqabbel mad-DGN ta' bosta Stati Membri. Id-dħul tal-Unjoni Ewropea jikkonsisti principally f'kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri abbażi tad-dħul gross nazzjonali tagħhom (DGN – 76 %), dazji doganali u agrikoli (l-hekk imsejħha riżorsi propri tradizzjonali – 12 %) u kontribuzzjoni bbażata fuq it-taxxa fuq il-valur miżjud miġbura mill-Istati Membri (VAT – 11 %). Il-kompożizzjoni tal-baġit evolviet matul iż-żmien, u l-politiki tal-agrikoltura u tal-koeżjoni huma l-komponenti prinċipali tagħha (ara l-Kaxxa 1).

IL-KAXXA 1 – L-UE F'XIEX TONFOQ FLUSHA?

Il-baġit tal-UE huwa ffinanzjat permezz ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri (fil-biċċa l-kbira abbażi tad-DGN nazzjonali), dazji doganali u agrikoli kif ukoll il-VAT. Il-baġit tal-UE huwa fil-biċċa l-kbira mmirat lejn objettivi oħra apparti baġits nazzjonali, parżjalment minħabba differenzi fir-responsabbiltajiet. Pereżempju, l-Unjoni mhix responsabbli għas-sistemi tas-sigurtà soċjali, li s-soltu huma parti kbira tal-infiq nazzjonali.

L-akbar element waħdieni tal-infiq tal-Unjoni Ewropea huwa l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali – principally fil-ghaml ta' pagamenti lill-bdiewa – li jirrappreżenta kważi nofs il-baġit. Proporzjon sinifikanti ieħor huwa l-infiq fuq il-koeżjoni – l-iżvilupp reġjonali u soċjali – li jikkofinanzja firxa wiesgħha ta' proġetti, mill-bini ta' toroq fil-Latvja sa korsijiet għan-nies qiegħda fil-Pajjiżi l-Baxxi. Dan jirrappreżenta madwar terz tal-baġit.



Sors: Il-Baġit Ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010.

Il-baġit huwa deċiż kull sena – fi ħdan il-kuntest ta' oqfsa finanzjarji ta' seba' snin – mill-Kunsill, jiġifieri rappreżentanti tal-Istati Membri, u l-Parlament Ewropew li huwa elett b'mod dirett. Il-Kummissjoni Ewropea tiproponi l-baġit u hija wkoll responsabbli għall-implementazzjoni tiegħu. Proporzjon sinifikanti ħafna – b'mod notevoli l-infiq agrikolu u tal-koeżjoni – huwa implementat b'koperazzjoni mal-Istati Membri. Skont l-iskemi ta' nfiq, l-amministrazzjonijiet nazzjonali jistgħu jkunu responsabbli għall-iffissar ta' strateġiji tal-infiq, l-għażla ta' beneficijarji u ta' proġetti u t-twettiq ta' pagamenti. Karatteristika speċifika tan-nefqa tal-Komunità hija l-perċentwal għoli ta' pagamenti bbażati fuq tal-bbiet mibgħuta mill-beneficijarji nfushom, sew jekk ikunu bdiewa sew jekk ikunu manigħers ta' proġetti madwar l-Unjoni.




X'INHU L-IRWOL TAL-QORTI?

F'soċjetajiet demokratiċi hemm ħtieġa għal informazzjoni sħiħa u preċiża li tkun disponibbli b'mod pubbliku bħala bażi għal dibattitu u għat-teħid ta' deċiżjonijiet, sew biex tittejjeb il-ġestjoni finanzjarja kif ukoll biex il-kontabilità tkun żgurata. L-UE, bħall-Istati Membri tagħha, għandha awditur estern bħala gwardjan indipendent tal-interessi finanzjarji taċ-ċittadini. Bħala l-awditur estern tal-UE, il-Qorti Ewropea tal-Audituri tiċċekkja li l-fondi tal-UE jiġu rreġistrati b'mod korrett u jintefqu b'konformità mar-regolamenti relevanti, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kisba tal-aħjar valur għall-flus, irrispettivament minn fejn jintefqu l-fondi.

Ir-riżultati tax-xogħol tal-Qorti jintużaw mill-Kummissjoni, mill-Parlament u mill-Kunsill kif ukoll mill-Istati Membri, sabiex tittejjeb il-ġestjoni finanzjarja tal-baġit tal-UE. Ix-xogħol tal-Qorti jiprovdji bażi importanti għall-proċedura ta' kwittanza ta' kull sena fejn il-Parlament, li jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq rakkmandazzjonijiet mill-Kunsill, jiddeċiedi jekk il-Kummissjoni ssodisfatx ir-responsabbiltà tagħha għall-eżekuzzjoni tal-baġit tas-sena ta' qabel. Minkejja isimha, il-Qorti m'għandha l-ebda setgħa ġudizzjarja.

Fl-oqsma tal-baġit fejn il-ġestjoni hija maqsuma, l-Istati Membri jikkooperaw mal-Kummissjoni fit-twaqqif ta' sistemi ta' sorveljanza u kontroll – kontroll intern – sabiex jiżguraw li l-fondi jintefqu tajjeb u skont ir-regoli. Il-kontroll intern b'hekk għandu dimensjoni tal-UE kif ukoll dimensjoni nazzjonali. Barra x-xogħol imwettaq mill-Qorti, ġafna Istituzzjonijiet Nazzjonali tal-Verifika jivverifikaw fondi Ewropej li huma ġestiti u minfuqa minn amministrazzjonijiet nazzjonali.

ĦARSA ĠENERALI LEJN IL-KONTROLL INTERN U L-VERIFIKA ESTERNA TAL-BAĠIT TAL-UE



IL-QORTI X'TIVVERIFIKA?

Il-Qorti twettaq tliet tipi differenti ta' verifikasi¹: verifika finanzjarja, verifika tal-konformità u verifika tal-prestazzjoni. Dawn jindirizzaw it-tliet mistoqsijiet li ġejjin:

1. Il-kontijiet jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja, ir-riżultati u l-likwidità għas-sena, skont il-qafas ta' rappurtar finanzjarju applikabbi? (**VERIFIKA FINANZJARJA**)
2. It-tranżazzjonijiet huma fl-aspetti materjali kollha skont l-oqfsa legali u regolatorji li jiggvernawhom? (**VERIFIKA TAL-KONFORMITÀ**)
3. Il-ġestjoni finanzjarja hija tajba, jiġifieri l-fondi użati jinżammu għal livell minimu (ekonomija), ir-riżultati jinkisbu bl-anqas riżorsi possibbli (effiċjenza) u l-objettivi ntlaħqu (effettività)? (**VERIFIKA TAL-PRESTAZZJONI**)

IL-QORTI KIF TIRRAPPORTA R-RIŻULTATI TAGħHA?

Il-Qorti tippubblika r-riżultati tax-xogħol tal-verifika tagħha fit-tipi ta' rapporti li ġejjin:

Rapporti annwali – li jippreżentaw ir-riżultati ta' verifikasi finanzjarji fil-għamla ta' dikjarazzjonijiet ta' assigurazzjoni dwar il-baġit ġenerali² u l-Fondi Ewropej għall-lżvilupp³. Dawn iż-żewġ rapporti huma ppubblikati flimkien f'Novembru.

Rapporti annwali speċifiċi – li jippreżentaw ir-riżultati ta' verifikasi finanzjarji dwar l-aġenzi u l-korpi deċentralizzati tal-Unjoni.

Rapporti speċjali – li jippreżentaw ir-riżultati ta' verifikasi tal-prestazzjoni u tal-konformità magħżula. Rapporti speċjali jistgħu jiġu ppubblikati fi kwalunkwe żmien tul is-sena.

Barra dan, il-Qorti hija mitluba tagħti l-opinjoni tagħha dwar leġiżlazzjoni ġidida jew aġġornata b'impatt finanzjarju.

¹ Għal aktar informazzjoni dwar il-metodoloġija tal-Qorti jekk jogħġibok ikkonsulta l-manwali fuq il-websajt tal-Qorti (www.eca.europa.eu).

² It-Trattat tat-TFUE jeħtieġ lill-Qorti li din tagħti dikjarazzjoni – jew opinjoni – dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. F'dan il-kuntest, tranżazzjonijiet ta' bażi huma tipikament pagamenti mill-baġit tal-UE lil beneficijari finali. Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni annwali hija ġeneralment magħrufa bl-akronimu Franċiż tagħha DAS ("Déclaration d'Assurance"). Bil-kontra ta' dak li jsir fl-Istati Membri, il-Qorti tagħti tali dikjarazzjoni fuq it-totalità tal-baġit tal-UE.

IL-QORTI KIF TIVVERIFIKA?

Il-verifika tal-Qorti tal-kontijiet tal-UE titwettaq skont standards internazzjonali tal-verifika, li huma applikati mis-settur pubbliku u dak privat. Standards internazzjonali eżistenti dwar il-verifika madankollu ma jkoprux it-tip ta' verifika tal-konformità magħmula mill-Qorti. Il-Qorti tieħu sehem attiv fl-iżvilupp ta' standards internazzjonali minn korpi li jiffissaw l-istandards (INTOSAI, IFAC)⁴ flimkien ma' istituzzjonijiet nazzjonali tal-verifika.

Sabiex tipprovdī assigurazzjoni dwar jekk il-pagamenti jikkonformawx ma' oqfsa legali u regolatorji, il-Qorti tuża r-riżultati kemm tal-eżami tagħha tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll, maħsuba sabiex jevitaw jew isibu u jikkorreġu żbalji ta' legalità u ta' regolarità, kif ukoll ta' kampjun tat-tranżazzjonijiet (pagamenti) infushom (ara I-Kaxxa 2). Meta s-sistemi huma ttestjati u misjuba affidabbi, imbagħad hemm għalfejn ikunu vverifikati inqas tranżazzjonijiet mill-Qorti sabiex tasal għal konklużjoni valida dwar il-legalità u r-regolarità tagħhom. Għejun oħra, bħal rappreżentazzjonijiet tal-manġement fil-ġħamla ta' Rapporti ta' Attività Annwali tad-Diretturi Ġenerali tal-Kummissjoni u xogħol awdituri oħra, jintużaw ukoll biex isostnu l-konklużjonijiet tal-Qorti.

Fil-verifika tal-prestazzjoni, il-Qorti tuża varjetà ta' metodoloġiji tal-verifika biex tivaluta sistemi ta' ġestjoni u ta' monitoraġġ u informazzjoni dwar il-prestazzjoni bi tqabbil ma' kriterji miċċuba minn leġiżlazzjoni u mill-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba.

Meta tkun qiegħda tagħżel liema verifikasi tal-prestazzjoni se twettaq, il-Qorti timmira li tidentifika suġġetti tal-verifika li x'aktarx li jrendu l-akbar impatt f'termini tal-identifikazzjoni ta' titjib potenzjali fl-ekonomija, fl-effiċjenza u fl-effettivitā tal-infiq tal-UE.

³ Il-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp (FEI) huma r-riżultat kemm ta' konvenzjonijiet kif ukoll ftehimiet internazzjonali bejn il-Komunità u l-Istati Membri tagħha u ċerti Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP), u tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji barranin (OCT). Il-Kummissjoni ġġesti l-biċċa l-kbira tan-nefqa b'assoċjazzjoni ma' pajjiżi AKP, parżjalment permezz tal-EuropeAid (ara l-grupp tal-qasam tal-politika r-Relazzjonijiet Esterni, l-iżvilupp u t-tkabbir) u parżjalment permezz ta' Delegazzjonijiet fil-pajjiżi li jirċievu. Il-parti tal-faċilità ta' investiment tal-FEI hija ġestita mill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) u mhixiex inkluża fil-mandat tal-verifika tal-Qorti.

⁴ INTOSAI Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika – IFAC Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti.


IL-KAXXA 2 – L-ITTESTJAR TAL-QORTI TA’ KAMPJUN TA’ PAGAMENTI MILL-BAĠIT TAL-UE

Il-Qorti m’għandhiex ir-riżorsi biex tivverifika fid-dettall it-tranżazzjonijiet kollha tal-baġit tal-UE. Għalhekk tuża tekniki ta’ teħid ta’ kampjuni statistiċi biex tagħti riżultat li jirrapreżenta lill-popolazzjoni fit-totalità tagħha. Dan jinvolvi l-għażla każwali ta’ kampjun rappreżentattiv ta’ tranżazzjonijiet ta’ bażi minn, pereżempju, il-koeżjoni għal ittestjar fid-dettall. Il-Qorti tittraċċa dawn it-tranżazzjonijiet sa dawk li fl-aħħar jirċievu l-għajnejha, pereżempju promotur ta’ proġett fl-Italja. Il-Qorti mbagħad twettaq

kontrolli biex tivverifika l-konformità tal-klejml mar-realtà, f’ħafna każijiet fuq il-post.

In-natura rappreżentattiva tal-kampjun tal-Qorti tfisser li r-riżultati jistgħu jiġu estrapolati fuq il-popolazzjoni totali, jiġifieri qasam speċifiku tad-dħul jew tan-nefqa, u flimkien ma’ informazzjoni li ġejja mill-evalwazzjoni ta’ sistemi ta’ ġestjoni u kontroll u għejun oħra, użati bħala bażi għal opinjoni tal-verifika ġenerali.

IT-TEĦID TA’ KAMPJUNI TAT-TRANŻAZZJONIJIET



Il-Popolazzjoni tal-pagamenti kollha tal-koeżjoni

L-IRWOLI U R-RESPONSABBILTAJET⁵

14

L-AMMINISTRAZZJONI U L-ORGANIZZAZZJONI

Il-Qorti tal-Audituri taħdem bħala korp kolleġġjali ta' 27 Membru, wieħed minn kull Stat Membru u maħtur mill-Kunsill, wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, għal terminu ta' sitt snin li jista' jiġġedded. Il-Membri jeleġu wieħed minn fosthom bħala president għal terminu ta' tliet snin li jista' jiġġedded.

Humes gruppi tal-verifikasi, li fihom huma assenjati Membri tal-Qorti, iħejju rapporti u opinjonijiet għal adozzjoni mill-Qorti. Bħalma turi l-organigramma, hemm erba' gruppi settorali li jkopru partijiet differenti tal-baġit u grupp wieħed responsabbi minn kwistjonijiet "orizzontali". Barra dan, Kumitat Amministrattiv ta' Membri jħejji d-deċiżjonijiet amministrattivi tal-Qorti.

Fi tmiem I-2009, il-Qorti bagħtet proposta lill-Kunsill għal reviżjoni tar-Regoli ta' Proċedura tagħha biex tippermetti li ċerti kategoriji tal-opinjonijiet u tar-rapporti tal-Qorti jiġu adottati minn Kmamar, aktar milli mill-Qorti kollha kemm hi. Dawn il-bidliet se jiffaċċilitaw it-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Qorti, billi jagħmluha aktar effiċċenti parżjalment permezz ta' tnaqqis fl-ammont ta' żmien meħtieġ għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet.

Kull Kamra għandha żewġ oqsma ta' responsabbiltà – l-ewwel nett, li tadotta rapporti speċjali, rapporti annwali speċifiċi u opinjonijiet; it-tieni nett, li thejjji abbozzi ta' osservazzjonijiet għar-rapporti annwali fuq il-baġit ġenerali tal-UE, il-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp, u abbozzi ta' opinjonijiet biex jiġu adottati mill-Qorti kollha kemm hi. Għal dak li jirrigwarda lill-Qorti, jittieħdu

deċiżjonijiet minn magħgoranza tal-Membri tal-Kamra. Il-Membri jistgħu jieħdu sehem fil-laqqhat ta' kwalunkwe Kamra, iżda jistgħu jivvutaw biss f'dik li fiha ġew assenjati mill-Qorti.

Naturalment, il-Qorti sħiħa se tkompli tiltaqa' biex tiddiskuti dwar u tadotta d-dokumenti li għalihom għandha responsabbiltà assoluta, bħar-rapporti annwali dwar il-baġit ġenerali tal-UE u l-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp.

L-irwol tal-Kumitat Amministrattiv se jittejjeb. Huwa ppresedut mill-President tal-Qorti u d-Dekani tal-Kmamar huma l-Membri tiegħu. Kwistjonijiet amministrattivi li jeħtieġ deċiżjoni mill-Qorti u deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet ta' politika, prinċipju jew importanza strateġika se jitħejjew mill-Kumitat biex jiġu approvati mill-Qorti.

Minbarra li jkunu parti mill-kolleġġ, u jieħdu d-deċiżjonijiet finali dwar verifikasi u opinjonijiet kif ukoll dwar kwistjonijiet strateġiċi u amministrattivi usa', kull Membru huwa responsabbi għall-kompli tiegħu jew tagħha stess, primarjament fi ħdan il-verifikasi. Ix-xogħol tal-verifikasi nnifsu jitwettaq b'mod ġenerali mill-awditi fl-unitajiet tal-verifikasi koordinati mill-Membri responsabbi, bl-għajnejha ta' uffiċċju privat. Hu/hi jippreżenta/tippreżenta r-rapport fil-livelli tal-grupp u tal-Qorti u, ladarba dan jiġi adottat, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-partijiet interessati relevanti l-oħra.

⁵ Għal aktar dettalji, jekk jogħibok ara l-websajt tal-Qorti: www.eca.europa.eu.

IL-PERSUNAL TAL-QORTI

Fil-Baġit 2009 l-Qorti Ewropea tal-Audituri kellha total ta' 880 kariga allokata (fil-31 ta' Diċembru 2009). Il-persunal tal-verifikasi tal-Qorti għandu firxa wiesgħa ta' sfondi u esperjenza professjonali kemm mis-setturi pubbliċi kif ukoll privati, inklużi l-kontabilità, il-ġestjoni finanzjarja, il-verifikasi interna u esterna, il-liġi u l-ekonomija. Bħall-istituzzjonijiet l-oħra kollha tal-UE, il-Qorti tkaddem ċittadini mill-Istati Membri kollha u huma soġġetti għar-Regolamenti tal-Persunal tal-UE.

Il-membri tal-persunal tal-verifikasi tal-Qorti jippjanaw u jwettqu verifikasi u jħejju l-abbozzi tar-rapporti li għalihom iwassal dan ix-xogħol. Jaħdmu f'timijiet, li jvarjaw minn erbgħha jew ħamsa għal xi verifikasi speċjalizzati sa' għoxrin jew aktar għal xi wħud mill-verifikasi akbar li l-Qorti tidħol għalihom (eż, il-verifikasi finanzjarji/tal-konformità tan-nefqa agrikola u tal-koeżjoni għad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni annwali). Tipikament verifikasi se titlob li dawn ifittxu evidenza tal-verifikasi f'varjetà ta' modi: permezz ta' xogħol fl-uffiċċju fil-Lussemburgu, żjarat lill-Kummissjoni Ewropea u eżami ta' x'jiġri "fuq il-post" fl-Istati Membri, fejn huwa ġenerat id-dħul għall-baġit tal-UE u fejn iseħħu l-attivitajiet li huma ffinanzjati mill-baġit tal-UE.

Ir-rapporti u l-opinjonijiet tal-Qorti jridu jkunu aċċessibbli għall-qarrejja madwar l-Unjoni u, fix-xogħol tal-verifikasi tagħha, il-Qorti trid iżżomm kuntatt ma' awtoritatijiet pubbliċi u oħrajn madwar l-Unjoni. Xejn minn dan ma seta' jseħħi mingħajr it-tradutturi tal-Qorti, li jittradu r-rapporti u l-opinjonijiet tal-Qorti (kważi dejjem imħejjija bl-Ingliż jew bil-Franċiż) fi 22 mill-ilsna uffiċjali tal-Unjoni u kif meħtieġ jittradu korrispondenza li tgħaddi lill-Qorti u mingħandha. Kultant it-tradutturi tal-Qorti jgħinu wkoll lill-audituri fit-twettiq ta' żjarat tal-verifikasi fl-Istati Membri.

Il-membri tal-persunal amministrattiv tal-Qorti huma responsabbi għall-varjetà wiesgħa ta' funzjonijiet ta' sostenn li jinħtieġ fu' organizzazzjoni multinazzjonali li taħdem fi ħdan il-qafas tal-UE: il-finanzi, il-kontabilità, il-baġit, il-bini, l-IT, it-trasport, is-sigurtà u l-bqija. Is-Segretarju-Ġenerali huwa l-iktar uffiċjajal superjuri fl-istituzzjoni u huwa responsabbi mit-tmexxija tal-persunal u tal-amministrazzjoni tal-Qorti.

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI 2009

President



Vítor Manuel
da SILVA CALDEIRA (PT)



Hubert
WEBER (AT)



Maarten B.
ENGWIRDA (NL)



Máire
GEOGHEGAN-QUINN (IE)



David
BOSTOCK (UK)



Morten Louis
LEVYSOHN (DK)



Ioannis
SARMAS (EL)



Július
MOLNÁR (SK)



Vojko Anton
ANTONČÍČ (SI)



Gejza
HALÁSZ (HU)



Jacek
UCZKIEWICZ (PL)



Josef
BONNICI (MT)



Irena
PETRUŠKEVIČIENĖ (LT)



Igors
LUDBORŽS (LV)



Jan
KINŠT (CZ)



Kersti
KALJULAID (ET)



Kikis
KAZAMIAS (CY)



Massimo
VARI (IT)



Juan
RAMALLO MASSANET (ES)



Olavi
ALA-NISSLÄ (FI)



Lars
HEIKENSTEN (SE)



Karel
PINXTEN (BE)



Ovidiu
ISPIR (RO)



Nadejda
SANDOLOVA (BG)



Michel
CRETIN (FR)



Harald
NOACK (DE)



Henri
GRETHEN (LU)

Din l-organigramma tirrifletti s-sitwazzjoni fl-1 ta' Frar 2010. Għal organigramma aġġornata, jekk jogħġibok żur il-websajt tal-Qorti: www.eca.europa.eu.

L-ORGANIGRAMMA

Għal aktar det-tajji u organigramma adjornata, jekk jogħiġ bok żur il-webbajt tal-Qorti: www.ec.europa.eu.

PRESIDENZA

Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA
President

Sorveljanza tal-prestazzjoni tax-xogħol tal-Qorti

Relazzjonijiet mal-Istittuzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

Relazzjonijiet mas-SAls u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali tal-verifikasi

Kwistjonijiet legali

Verifika interna

GRUPP TAL-VERIFIKA I

PREŻERVAZZJONI U TMEXXUA TAR-RIŻORSI NATURALI

Gejza HALÁSZ, Dekan
Hubert WEBER
Július MOLNAR
Kikis KAZAMIAS
Olavi ALA-NISSLÄ
Michel CRETIN

FAEGG – Verifika finanzjarja

FAEŻR – Verifika finanzjarja

Unità tal-Prestazzjoni A

Unità tal-Prestazzjoni B

Unità tal-Prestazzjoni C

Sajd, Ambjent, Saħħa

GRUPP TAL-VERIFIKA II

POLITIKA STRUTTURALI, TRASPORT,
RIĊERKA U ENERĠIJA

David BOSTOCK, Dekan
Kersti KALJULAIĐ
Massimo VARI
Ovidiu ISPIR
Harald NOACK
Henri GRETHEN

Politika strutturali – Verifika finanzjarja

Trasport, riċerka u enerġija – Verifika finanzjarja

Trasport u enerġija – Verifika tal-prestazzjoni

Ambjent, soċjetà u għajnejha soċjali, turiżmu u kultura - Verifika tal-prestazzjoni

Kapital uman, tehnoloġija u innovazzjoni, kumpaniji, Teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, TIK u s-soċjetà tal-informazzjoni, assistenza teknika – Verifika tal-prestazzjoni

GRUPP TAL-VERIFIKA III

AZZJONIJET ESTERNI

Jan KINŠT, Dekan
Maarten B. ENGWIRDA,
Máire GEOGHEGAN-QUINN
Jacek UCZKIEWICZ
Karel PINXTEN

Koperazzjoni ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw (baġiit ġenerali tal-UE)

Politika ta' qabel l-adeż-żoni u tal-viċinat

Fondi Ewropej għall-İżvilupp (pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċċiku)

GRUPP TAL-VERIFIKA IV

DĦUL, ATTIVITAJET BANKARIJ, NEFQA AMMINISTRATIVA, ISTITUZZJONIJET U ORGANI TAL-UNJONI EWROPEA U POLITIKA INTERNA

Irena PETRUŠKEVIČIENĖ, Dekan
Morten Louis LEVYSOHN
Ioannis SARMAS
Igor LUDBORŽS
Juan RAMALLO MASSANET
Nadejda SANDOLOVA

Dħul tal-Unjoni Ewropea

Nefqa amministrativa tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

Politika Interna tal-Unjoni Ewropea

Self u attivitajiet bankarji

Aġenziji tal-Unjoni Ewropea

GRUPP CEAD

KOORDINAZZJONI, KOMUNIKAZZJONI,
EVALWAZZJONI, ASSIGURAZZJONI U
ŻVILUPP

Josef BONNICI
Membru responsabbi għad-DAS, Dekan
Vojko Anton ANTONČIĆ
Membru responsabbi għall-ADAR
Lars HEIKENSTEN
Membru responsabbi għall-Komunikazzjoni
Olavi ALA-NISSLÄ (GA I)
Kersti KALJULAIĐ (GA II)
Jacek UCZKIEWICZ (GA III)
Morten Louis LEVYSOHN (AG IV)

Metodoloġija tal-verifika u sostenn

Kontroll tal-kwalità

Komunikazzjoni u rapporti

Sorveljanza tal-verifika u sostenn lill-verifika
finanzjarja/tal-konformità

Affidabbiltà tal-kontijiet u l-pożizzjoni
ta' min hu responsabbi minnhom

SEGRETARJAT ĠENERALI

Eduardo RUIZ GARCÍA
Segretarju-Ġenerali

Riżorsi Umani

Finanzi u Sostenn

Teknoloġija tal-Informazzjoni

Traduzzjoni

ĦARSA ĠENERALI LEJN IR-RAPPORTI TAL-VERIFIKA⁶

18

Fl-2009 l-ġħadd ta' rapporti speċjali żdied meta mqabbel mas-sena ta' qabel filwaqt li l-ġħadd ta' opinjonijiet naqas. Ir-rapporti annwali dwar il-baġit ġenerali u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp kienu adottati kif kien ippjanat.

IL-PRODOTTI FINALI	2005	2006	2007	2008	2009
L-ġħadd ta' rapporti specjalni	6	11	9	12	18
Ir-rapporti annwali (inkluż il-FEI)	1	1	1	1	1
Ir-rapporti annwali speċifiċi	20	23	29	29	37
L-opinjonijiet	11	8	9	5	1

IR-RAPPORTI ANNWALI DWAR IS-SENA FINANZJARJA 2008

Kull sena l-Qorti tivverifika l-kontijiet tal-UE u d-dħul u n-nefqa tal-UE. Ir-riżultati ta' din il-verifika huma ppreżentati lill-awtoritajiet politiċi tal-UE, lill-Parlament u lill-Kunsill, fir-Rapporti Annwali tal-Qorti.

⁶ L-intenzjoni ta' din it-taqṣima hija li tintroduċi r-rapporti u l-opinjonijiet tal-Qorti, iktar milli tagħti sommarju tagħhom. Il-qarrejja huma mitluba jirreferu għat-testijiet sħaħ kif adottati mill-Qorti – disponibbli fuq il-websajt tal-Qorti (www.eca.europa.eu) - għal aktar dettalji.

IR-RAPPORT ANNWALI DWAR L-IMPLEMENTAZZJONI TAL-BAĠIT TAL-UE: SITT MESSAĠġI PRINċIPALI

- Il-kontijiet għall-Unjoni Ewropea taw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni u tar-riżultati finanzjarji.
- Ir-riżultati ġenerali dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet għall-2008 kienu jirriflettu t-titjib fil-ġestjoni tal-baġit fis-snin reċenti.
- It-titjib ġenerali fl-2008 huwa primarjament konsegwenza tar-riżultati aħjar fl-akbar grupp tal-politika “l-Agrikoltura u r-riżorsi naturali”. Fl-Iżvilupp Rurali, il-livell ta’ żball meqjus, għalkemm għadu materjali, huwa aktar baxx mis-snin ta’ qabel. Għall-“Agrikoltura u r-riżorsi naturali” fit-totalità tagħha, il-Qorti għall-ewwel darba ma tagħtix opinjoni avversa.
- “Il-Koeżjoni”, li hija t-tieni l-akbar qasam tal-politika, u li tirrappreżenta kważi terz mill-baġit, baqqħet problematika u hija l-qasam li l-aktar li jintlaqat minn żbalji. Il-Qorti tqis li mill-inqas 11 % tal-ammont totali rimborżat ma jmissux tħallas.
- Rakkomandazzjonijiet li saru mill-Qorti fl-imgħodd biex jitjiebu s-sistemi ta’ sorveljanza u kontroll għadhom validi. Dawn għandhom jitqiesu bħala partijiet minn proċess li għadu għaddej, fejn il-miżuri relevanti se jieħdu ż-żmien qabel ma jistgħu jitqiesu effettivi.
- Attenzjoni partikolari u addizzjonalni trid tiġi indirizzata lejn dawk l-oqsma tan-nefqa fejn il-Qorti għadha tirrapporta livell għoli ta’ żball. F’ħafna stiwazzjonijiet l-iż-żbalji jirriżultaw minħabba regoli u regolamenti kumplessi wisq. Is-semplifikazzjoni, għalhekk, tibqa’ priorità.



Opinjoni mhux kwalifikata dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

Il-Qorti kkonkludiet li l-kontijiet annwali għall-2008 tal-Komunitajiet Ewropej jagħtu stampa ġusta, fl-aspetti materjali kollha, tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Komunitajiet Ewropej u tar-riżultati tal-operazzjonijiet u tal-likwidità tagħhom.

Opinjonijiet mhux kwalifikati

Għall-2008 l-Qorti tat opinjonijiet mhux kwalifikati għad-“Dħul”, għal impenji għall-gruppi kollha tal-politika u għall-pagamenti fil-gruppi tal-politika “I-Edukazzjoni u ċ-Ċittadinanza” u “in-Nefqa amministrattiva u nefqa oħra”.

Opinjonijiet kwalifikati

Il-pagamenti għall-grupp tal-politika “l-Agrikoltura u r-riżorsi naturali”, ħlief għall-Iżvilupp Rurali, kienet fl-aspetti materjali kollha legali u regolari. Il-pagamenti għall-grupp tal-politika “l-Affarijiet ekonomiċi u finanzjarji”, ħlief għan-nefqa f'dan il-grupp tal-politika dwar is-Sitt Programm ta’ Qafas għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (FP6), kienet fl-aspetti materjali kollha legali u regolari.

Opinjonijiet avversi

Il-Qorti tat opinjonijiet avversi għall-gruppi tal-politika “il-Koeżjoni”, “ir-Riċerka, l-enerġija u t-trasport”, kif ukoll “I-Għajjnuna esterna, l-iżvilupp u t-tkabbir”. Pagamenti f’dawn il-gruppi tal-politika kienu milquta materjalment minn żbalji, għalkemm f’livelli differenti.

Titjib meħtieġ fis-sistemi ta’ sorveljanza u kontroll

Is-sistemi ta’ sorveljanza u kontroll għall-gruppi tal-politika “ir-Riċerka, l-enerġija u t-trasport”, “I-Għajjnuna esterna, l-iżvilupp u t-tkabbir” u “I-Edukazzjoni u ċ-Ċittadinanza” kien parzialment effettivi biex jagħtu assigurazzjoni dwar il-prevenzjoni jew is-sejba u l-korrezzjoni tar-rimborż ta’ spejjeż iddikjarati iżżejjed jew spejjeż inelgħibbi.

Għall-grupp tal-politika “l-Agrikoltura u r-riżorsi naturali”, il-Qorti kkonkludiet ukoll li s-sistemi ta’ sorveljanza u kontroll kien parzialment effettivi. Madankollu, hija nnutat li s-Sistema Integrata ta’ Amministrazzjoni u Kontroll (IACS) ġeneralment kienet għadha sistema effettiva ta’ kontroll. Iridu jiġu indirizzati kwistjonijiet f’ċerti oqsma, partikolarmen għall-Iżvilupp Rurali, fejn kien hemm dgħufijiet.

Għall-grupp tal-politika “l-Affarijiet ekonomiċi u finanzjarji” is-sistemi ta’ sorveljanza u kontroll instabu li kienet effettivi fi tnejn mit-tliet oqsma vvalutati. Fit-tielet wieħed, “l-Intrapriża”, is-sistemi tqiesu bħala parzialment effettivi biss, l-aktar minħabba dgħufijiet rigward I-FP6.

Għall-Grupp tal-politika “il-Koeżjoni”, il-Qorti sabet li s-sistemi fl-Istati Membri għall-korrezzjoni ta’ żbalji misjuba minn kontrolli nazzjonali kien fil-biċċa l-kbira tal-każijiet mill-anqas parzialment effettivi.

Il-Kummissjoni, l-Istati Membri u stati beneficijari oħrajn iridu jagħmlu sforzi akbar biex jimplimentaw it-titjib meħtieġ rigward dawn il-gruppi tal-politika, sabiex tkun żgurata ġestjoni adegwata tar-riskju ta’ nefqa irregolari.

IL-KAXXA 3 – INTERPRETAZZJONI TAL-OPINJONIJET TAL-VERIFIKA

L-awdituri jistgħu jagħtu t-tipi ta' opinjonijiet li ġejjin:

- **opinjoni mhux kwalifikata** (imsejħa wkoll "tajba") meta hemm evidenza li l-kontijiet huma affidabbli jew it-tranżazzjonijiet ta' bażi, jiġifieri pagamenti, huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha;
- **opinjoni avversa** meta l-livell ta' żball fit-tranżazzjonijiet ta' bażi huwa materjali u mifrux, jew il-kontijiet mhumiex affidabbli;
- **ċaħda ta' opinjoni** jekk l-awdituri ma jistgħux jiksbu biżżejjed evidenza tal-verifikasi xierqa biex fuqha jibbażaw opinjoni, u l-effetti possibbli huma kemm materjali kif ukoll mifruxa;
- **opinjoni kwalifikata** meta ma tistax tingħata opinjoni mhux kwalifikata iżda l-effett ta' kull nuqqas ta' qbil jew limitazzjoni fuq l-ambitu mhuwiex daqshekk materjali jew imixerred b'mod li jitlob opinjoni avversa jew ċaħda ta' opinjoni.



IL-KAXXA 4 – SOMMARJU TAL-LEGALITÀ U R-REGOLARITÀ TAT-TRANŻAZZJONIJIET TA' BAŻI SKONT IL-QASAM TAN-NEFQA

It-tabella hawn taħt tagħti sommarju tal-evalwazzjoni ġeneralni tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll, kif imniżżla fil-kapitoli relevanti tar-Rapport Annwali tal-2008, u tagħti r-riżultati wiesgħha tal-ittejtjar tal-Qorti tal-kampjuni ta' tranżazzjonijiet rappreżentattivi. It-tabella

tenfasizza l-elementi prinċipali iżda ma tistax tippreżenta d-dettall relevanti kollu (partikolarmen dwar dgħufijiet fis-sistemi ta' sorveljanza u kontroll u f'tipi ta' żbalji) li għalih trid issir referenza għar-rapport prinċipali.

	IL-VALUTAZZJONI TAS-SISTEMI	IL-FIRXA TAR-RATA TA' ŻBALL
Id-Dħul	◆	◆
L-Agrikoltura u r-riżorsi naturali: 55 biljun euro	◆	◆
Il-Koeżjoni: 36,6 biljun euro	◆	◆
Ir-Riċerka, l-enerġija u t-trasport: 7,5 biljun euro	◆	◆
L-Ğajjnuna esterna, l-iżvilupp u t-tkabbir: 6,2 biljun euro	◆	◆
L-Edukazzjoni u c-ċittadinanza: 1,7 biljun euro	◆	◆
L-Affarijiet ekonomiċi u finanzjarji: 0,6 biljun euro	◆	◆
In-Nefqa amministrattiva u nefqa oħra: 8,5 biljun euro	◆	◆
Il-Valutazzjoni tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll		
◆ Mhux effettivi ◆ Parzialment effettivi ◆ Effettivi		
Il-Firxa li fiha tinstab ir-rata ta' żball (Rż)		
◆ $R\dot{z} > 5\%$ ◆ $2\% \leq R\dot{z} \leq 5\%$ ◆ $R\dot{z} < 2\%$ (taħt il-materjalitā)		

L-OPINJONI TAL-VERIFIKA TAL-2008 – IL-FEI

Il-Qorti kkonkludiet li l-kontijiet tal-FEI għall-2008 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-FEI. Fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet il-Qorti tat opinjoni mhux kwalifikata għad-dħul u għall-impenji tal-FEI. Il-Qorti kkonkludiet ukoll li l-pagamenti tal-FEI kienu milquta minn żbalji materjali. Il-Qorti tqis li s-sistemi ta' sorveljanza u kontroll għall-FEI kienu parzjalment effettivi.

IR-RAPPORTI ANNWALI SPEĊIFIċI

37 rapport annwali speċifiku ieħor, li għandhom x'jaqsmu mal-aġenziji Ewropej u ma' korpi deċentralizzati oħra fis-sena finanzjarja 2008, kienu adottati fl-2009.

L-aġenziji tal-Unjoni jkoprū varjetà wiesgħa ta' kompiti f'postijiet differenti madwar l-Unjoni. Kull aġenzija għandha mandat speċifiku u ġġesti l-baġit tagħha stess. Il-verifikasi tal-aġenziji tal-Unjoni Ewropea u korpi deċentralizzati oħra huma s-suġġett ta' rapporti annwali speċifiċi li huma ppubblikati separatament. Il-Qorti ħarġet opinjonijiet mhux kwalifikati dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi għall-aġenziji kollha ħlief għall-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija.

IR-RAPPORTI SPEĆJALI⁷

Il-Qorti tagħżel u tfassal il-kompli tal-verifikasi tal-prestazzjoni u tal-konformità tagħha abbażi ta' kriterji li jinkludu r-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità għal qasam partikolari ta' dħul jew nefqa, il-livell ta' nfiq involut, iż-żmien li jkun għaddha sa minn kwalunkwe verifika preċedenti, żviluppi futuri fl-oqfsa regolatorji jew operazzjonali kif ukoll interess politiku u pubbliku.

In natura kumplessa u dettaljata tal-verifikasi tal-prestazzjoni tfisser li ġeneralment jirrikjedu, minn meta jsir studju preliminari sar-rappurtar finali, aktar minn sena biex jtitlestew.

Il-Qorti adottat total ta' 18-il rapport speċjali fl-2009. Ir-rapporti speċjali huma disponibbli direttament mill-websajt tal-Qorti (www.eca.europa.eu) u jsir avviż dwar il-pubblikazzjoni tagħhom fil-Ġurnal Uffiċjali. Bħal fis-snin preċedenti, ir-rapporti eżaminaw kwistjonijiet ta' ġestjoni finanzjarja f'firxa wiesgħa ta' oqsma – minn pereżempju l-għajjnuna alimentari tal-UE għal persuni fil-bżonn (RS 6/2009) sal-ġestjoni tat-teżor tal-Kummissjoni (RS 5/2009).

Ix-xogħol tal-Qorti jidentifika ħafna tipi differenti ta' problemi, b'konsegwenzi diversi, u jifformula rakkmandazzjonijiet immirati lejn it-titjib tal-ġestjoni, l-effiċjenza u l-effettività finanzjarja.

Apparti t-18-il rapport speċjali, il-Qorti analizzat ukoll fl-2009 l-użu tal-fondi tal-UE biex is-sit ta' Chernobyl isir post ta' sigurtà ambjentali. Rakkmandazzjonijiet, li jgħinu fit-titjib tal-ġestjoni tal-fondi tal-UE mwassla permezz tal-BERŻ, ġew trasferiti lill-President tal-Kummissjoni fil-għamla ta' ittra tal-maniġment (mhux ippubblikata).



Ir-rapporti speċjali adottati mill-Qorti fl-2009 huma ppreżentati hawn taħt, taħt intestaturi tal-oqfsa finanzjarji. Biex jintwera t-tip ta' kwistjonijiet ittrattati u l-konklużjonijiet milħuqa, tingħata prezantazzjoni qasira ta' rapport wieħed taħt kull intestatura.

⁷ Ir-rapporti speċjali huma disponibbli fuq il-websajt tal-Qorti jew inkella billi timtela formola ta' ordni elettronika fl-'EU-Bookshop'.

IT-TKABBIR SOSTENIBBLI

- RS 3/2009 – L-effettività tal-infiq tal-Miżuri Strutturali fuq it-trattament tal-ilma mormi għall-perijodi ta' programm 1994-1999 u 2000-2006
- RS 7/2009 – Il-ġestjoni tal-fażi ta' żvilupp u validazzjoni tal-programm Galileo
- RS 8/2009 – “Netwerks ta' eċċellenza” u “projetti Integrati” fil-Politika tar-Riċerka tal-Komunità: dawn laħqu l-objettivi tagħhom?
- RS 13/2009 – Id-deleġa tal-kompliti ta' implementazzjoni lill-aġenziji eżekuttivi: alternattiva ta' suċċess?
- RS 17/2009 – L-azzjonijiet ta' taħriġ vokazzjonali għan-nisa kofinanzjati mill-Fond Soċjali Ewropew

Il-ġestjoni tal-fażi ta' żvilupp u validazzjoni tal-programm Galileo

Il-Qorti vverifikat il-fażi ta' żvilupp u validazzjoni tal-programm Galileo, li jimmira li jistabbilixxi Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita Ewropea. Waqt li għamlet dan hija ġarset lejn il-fatturi responsabbi għall-fallimenti.

Il-Qorti kkonkludiet li l-ġestjoni tal-fażi ta' żvilupp u validazzjoni kienet inadegwata. Jekk l-indirizz mill-ġdid f'nofs l-2007 tal-programmi EGNOS (Servizz ta' Overlay tan-Navigazzjoni

Ewropea Ġeostazzjonarja) u Galileo għandu jirnexxi, il-Kummissjoni għandha ssahħha b'mod konsiderevoli l-ġestjoni tagħha tal-programmi. Dan ir-rapport jinkludi għadd ta' rakkmandazzjonijiet immirati biex jgħinu l-Kummissjoni f'dan il-komplitu. Fl-aħħar nett, jekk l-UE tiddeċiedi li tidħol għal programmi oħra jn ta' infrastruttura kbira, il-Kummissjoni għandha tiżgura li għandha aċċess għall-għodod ta' ġestjoni xierqa.

IL-PREŻERVAZZJONI U L-ĠESTJONI TAR-RIŻORSI NATURALI

- RS 6/2009 – L-għajjnuna alimentari tal-Unjoni Ewropea għal persuni fil-bżonn: evalwazzjoni tal-objettivi, il-mezzi u l-metodi użati
- RS 10/2009 – Azzjonijiet ta' informazzjoni u promozzjoni għall-prodotti agrikoli
- RS 11/2009 – Is-sostenibilità u l-ġestjoni tal-Kummissjoni tal-projetti tal-LIFE-Natura
- RS 14/2009 – L-għoddha tal-ġestjoni tas-suq tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib laħqu l-objettivi prinċipali tagħhom?

L-għoddha tal-ġestjoni tas-suq tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib laħqu l-objettivi prinċipali tagħhom?

Il-Qorti rrevediet l-operazzjoni tas-suq fil-ħalib u fil-prodotti tal-ħalib sa mill-introduzzjoni tal-kwoti tal-ħalib fl-1984, u analizzat kif il-Kummissjoni kienet qiegħda ġġesti d-deregolamentazzjoni progressiva tas-setturi tal-ħalib mibdija fl-2003.

Abbażi tas-sitwazzjoni fi tmiem I-2008, il-Qorti tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni: għandha tevita produzzjoni jezda mill-ġdid,

tissorvelja l-formazzjoni tal-prezzijiet fi ħdan il-katina tal-ikel, tintensifika r-riflessjoni fuq il-prospetti għall-produtturi f'regħjuni inqas vantaġġati u fuq il-konseguenzi ambjentali ta' konċentrazzjoni ġeografika ta' produzzjoni. Għandha wkoll torjenta l-produzzjoni tal-ħalib mill-ġdid lejn il-ħtiġijiet tas-suq domestiku Ewropew u lejn prodotti ta' valur miżjud għoli li jistgħu jkunu esportati mingħajr għajnejha baġitarja

IĊ-ĊITTADINANZA, IL-LIBERTÀ, IS-SIGURTÀ U L-ĠUSTIZZJA

- RS 2/2009 – Il-Programm tas-Saħħha Pubblika tal-Unjoni Ewropea (2003 sa 2007): mod effettiv biex itejjeb saħħet iċ-ċittadini Ewropej?

Il-Programm tas-Saħħha Pubblika tal-Unjoni Ewropea (2003 sa 2007): mod effettiv biex itejjeb saħħet iċ-ċittadini Ewropej?

Il-Qorti analizzat il-Programm tas-Saħħha Pubblika tal-Unjoni Ewropea (PHP) għall-2003-2007. Meta għamlet dan staqsiet jekk ġewx stabiliti l-kundizzjonijiet tajbin għal proġetti ffinanzjati mill-baġit tal-UE biex jikkumplimentaw il-miżuri meħuda mill-Istati Membri biex iħarsu u jtejbu s-saħħha pubblika.

Ir-rapport jaġħti konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet fid-dettall dwar it-tfassil, l-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-programm. Fid-dawl tas-sejbiet tagħha, il-Qorti titfa' dubju fuq l-utilità ta' ċerti komponenti tal-programmi tas-saħħha pubblika Ewropej bħall-PHP. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri huma mistiedna jikkunsidraw mill-ġdid l-approċċ tal-finanzjament tal-UE fil-qasam tas-saħħha pubblika.

L-UE BHĀLA MSIEħBA GLOBALI

- RS 1/2009 – Mızuri bankarji fiż-żona tal-Mediterran fil-kuntest tal-programm MEDA u protokolli preċedenti
- RS 4/2009 – Il-ġestjoni tal-Kummissjoni tal-involviment ta' Atturi Mhux tal-Istat fil-Koperazzjoni għall-iżvilupp tal-KE
- RS 12/2009 – L-effettivitā tal-proġetti tal-Kummissjoni fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijet Interni għalli-Balkani tal-Punent
- RS 15/2009 – Assistenza tal-UE implementata permezz ta' organizzazzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti: it-teħid tad-deċiżjonijiet u l-monitoraġġ
- RS 16/2009 – It-tmexxija tal-Kummissjoni Ewropea tal-assistenza ta' qabel l-adeżjoni lit-Turkija
- RS 18/2009 – L-effettivitā tal-appoġġ tal-FEI għall-Integrazzjoni Ekonomika Reġjonali fl-Afrika tal-Lvant u fl-Afrika tal-Punent

It-tmexxija tal-Kummissjoni Ewropea tal-assistenza ta' qabel l-adeżjoni lit-Turkija

Il-Qorti analizzat il-ġestjoni mill-Kummissjoni tal-assistenza finanzjarja ta' qabel l-adeżjoni lit-Turkija.

Partikolarment l-ewwel perjodu ta' assistenza ta' qabel l-adeżjoni 2002-2006 sofra minn ħafna dgħufijiet li kienu komuni fil-programmi ta' qabel l-adeżjoni. Il-Kummissjoni ma kinitx iffissat objettivi speċifiċi biżżejjed sabiex il-finanzjament li tagħti jkun jista' jippermetti valutazzjoni tar-riżultati tal-proġett u ma kellhiex biżżejjed informazzjoni biex turi l-effettivitā tal-assistenza

tagħha ta' qabell l-adeżjoni. Madankollu, il-proġetti miżjura tassew wasslu l-prodotti maħsuba tagħhom u r-riżultati tal-proġetti x'aktarx li jkunu sostenibbli. Filwaqt li l-Kummissjoni digħà għamlet xi titjib sinifikanti, il-Qorti tagħmel bosta rakkomandazzjonijiet għal aktar miżuri korrettivi. L-oqsma l-aktar kritiċi għat-titjib huma l-iffissar ta' objettivi strateġiċi għall-assistenza finanzjarja, l-iżvilupp ta' skali ta' żmien aktar realistiċi għall-objettivi u l-monitoraġġ tal-prestazzjoni u tar-riżultati proprja tal-proġett abbażi ta' objettivi ċari u indikaturi xierqa.

L-AMMINISTRAZZJONI

- RS 5/2009 – II-Ġestjoni tat-Teżor tal-Kummissjoni
- RS 9/2009 – L-effiċjenza u l-effikaċja tal-attivitajiet tas-selezzjoni tal-personal imwettqa mill-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal

L-effiċjenza u l-effikaċja tal-attivitajiet tas-selezzjoni tal-personal imwettqa mill-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal

II-Qorti ffukat fuq kif l-EPSO (Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal) kampa maż-żieda kbira fil-għadd ta' kompetizzjonijiet minħabba t-tkabbir. Eżaminat ukoll jekk l-EPSO tax listi mwaqqta tal-kandidati li kellhom suċċess, b'assurazzjoni tal-għadd meħtieġ u tal-bilanċ ġeografiku.

II-Qorti kkonkludiet li l-EPSO kien mexxa b'suċċess iż-żieda fil-għadd ta' kompetizzjonijiet neċċesarji

għat-tkabbir tal-Unjoni Ewropea. Madankollu l-bżonnijiet għall-personal tal-Istittuzzjonijiet ma ġewx ikkomunikati lill-EPSO fi żmien opportun; it-tul tal-proċess tas-selezzjoni tal-personal kien twil wisq; il-kompetizzjonijiet iproduċew biss medja ta' żewġ terzi tal-għadd immirat ta' kandidati li kellhom suċċess fil-kompetizzjonijiet. Fl-aħħar nett, l-informazzjoni dwar it-tmexxija ma kinitx affidabbli jew komprensiva b'mod konsistenti.

OPINJONIJIET

Tingħata kontribuzzjoni oħra mill-Qorti għat-titjib tal-ġestjoni finanzjarja tal-fondi tal-UE permezz ta' opinjonijiet fuq proposti dwar kwistjonijiet ta' ġestjoni finanzjarja. Dawn l-opinjonijiet huma meħtieġa bħala parti mill-proċess ta' adozzjoni ta' leġiżlazzjoni finanzjarja⁸, jew inkella jistgħu jitwasslu fuq talbet istituzzjoni waħda jew aktar tal-UE⁹. II-Qorti tal-Audituri tista' wkoll tipproduċi opinjonijiet fuq inizjattiva tagħha stess.

Fl-2009 l-Qorti adottat opinjoni waħda fuq proposta għal regolament emendat tal-kumitat tal-baġit tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet finanzjarji applikabbli għall-Uffiċċju ("Regolament Finanzjarju").

⁸ I-Artikolu 322 tat-Trattat tat-TFUE.

⁹ I-Artikolu 287(4) tat-Trattat tat-TFUE.

IS-SEGWITU U L-IMPATT

Il-verifikasi tal-Qorti jipprovdu informazzjoni b'mod dirett lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-i-stituzzjonijiet ikkonċernati – fil-kuntest Ewropew, primarjament il-Kummissjoni, il-Parlament, il-Kunsill u l-Istati Membri. Huma jistgħu jieħdu azzjoni fuq din l-informazzjoni, b'referenza jew mingħajrha għall-konklużjonijiet tal-verifika tal-Qorti.

Filwaqt li l-impatt ewlieni tal-verifika tal-Qorti huwa permezz tar-rapporti u l-opinjonijiet ippubblikati tagħha, hemm ukoll impatt matul il-proċess tal-verifika. B'mod partikolari, il-verifikasi kollha jinvolvu l-preżentazzjoni ta' sejbiet dettaljati, mibgħuta lil min qiegħed ikun ivverifikat biex jikkonferma l-veraċità tal-osservazzjonijiet tal-Qorti. It-test tar-rapport finali huwa wkoll soġġett għal "proċedura kontradittorja". Ir-risposti ta' min qiegħed ikun ivverifikat - b'mod prinċipali l-Kummissjoni - huma ppubblikati flimkien mar-rapporti. F'ħafna minn dawn ir-risposti min qiegħed ikun ivverifikat jagħraf il-problemi identifikati mill-Qorti u jistabbilixxi l-passi li bi ħsiebu jieħu sabiex jindirizzahom.

Ladarba x-xogħol tal-verifika jitlesta u rapport ikun ġie ppubblikat dan jiġi analizzat u jintuża mill-Parlament u mill-Kunsill, fl-eżerċizzju tagħhom ta' sorveljanza politika fuq l-użu tal-baġit. Ir-rapporti tal-Qorti jipprovdu bażi għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill u għad-deċiżjoni tal-Parlament dwar il-kwittanza annwali tal-baġit.

Ftit eżempji tal-impatt ta' xogħol il-Qorti jinstab f'azzjonijiet meħħuda mill-Kummissjoni bħala riżultat tar-riżoluzzjoni tal-kwittanza fuq il-Baġit tal-2007 (prinċipalment l-impatt fl-2009):

Fil-qasam tan-Nefqa agrikola

Is-sistema ta' ġestjoni u kontroll għan-nefqa taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) qiegħi allinjata mas-sistema ta' garanzija tal-FAEŻR, u għalhekk se tgawdi mill-vantaġġi ta' din tal-aħħar, li huma rikonoxxuti bil-bosta. (Ara r-RA (Rapport Annwali) tal-Qorti 2004, il-paragrafu 5.54 u RA 2007, il-paragrafu 5.57).

Fil-qasam tal-Koeżjoni

Il-Kummissjoni qiegħda tkompli tirrevedi r-regoli tal-2007-2013 sabiex tissemplifika s-sistema għar-rappurtar ta' irregolaritajiet; hija impenjata biex tirrapporta kmieni fl-2010 dwar azzjonijiet imwettqa fl-2009 u dwar l-ewwel impatt tal-azzjonijiet kollha meħħuda fi ħdan il-pjan ta' azzjoni tagħha biex issaħħa l-irwol ta' sorveljanza tal-Kummissjoni għall-azzjonijiet strutturali. (Ara RA 2007, il-paragrafu 1.53 u l-paragrafu 6.36(a)).

Fil-qasam tal-Azzjonijiet Esterni

Sabiex issaħħa il-kontrolli fil-livell tal-organizzazzjonijiet implementattivi, il-Kummissjoni tippjana li tiżviluppa gwida speċifika biex tgħin lill-organizzazzjonijiet implementattivi jigestu aħjar il-fondi tal-UE u jikkonformaw mar-regoli tal-KE. (Ara RA 2007, il-paragrafu 8.33(a)).

Fil-qasam tal-Politika Interna inkluża r-Riċerka:

Il-Kummissjoni ħolqot strateġija ta' kontroll multiannwali għas-Sitt Programm ta' Qafas, ibbażata fuq is-sejba u l-korrezżjoni ta' kwalunkwe żball li ma setax ikun identifikat minn desk checks qabel ma sar pagament. Sabiex tissemplifika l-proċeduri taħt is-Seba' Programm ta' Qafas, il-Kummissjoni introduċiet fond ta' garanzija tal-parteċipanti, li naqqas b'mod konsiderevoli l-għadd ta' kontrolli finanzjarji ex-ante u l-użu ta' miżuri ta' ħarsien. (Ara RA 2007, il-paragrafu 7.43(b), il-paragrafu 10.34 u l-paragrafu 2.42(a)).

Sors: Ir-Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew dwar is-segwitu tad-deċiżjonijiet dwar il-kwittanza tal-2007.

Tittieħed kunsiderazzjoni tar-rapporti speċjali wkoll matul il-proċedura ta' approvazzjoni. Minħabba l-fatt li huma ppubblikati matul is-sena dawn ikunu normalment ġew ippreżentati u diskussi fi stadju aktar bikri f'laqgħat tal-Parlament u tal-Kunsill.

L-impatt tar-rapporti tal-verifika jista' jiżdied jekk jiġu segwiti mill-midja relevanti, u b'hekk jitqanqlu attenzjoni u dibattitu usa'. Ir-Rapport Annwali tal-Qorti normalment ikollu kopertura sinifikanti mill-midja. Dan kien il-każ fl-2009 fejn l-interess tal-midja ffoka primarjament fuq it-titjib fin-nefqa agrikola. Bosta rapporti speċjali kienu segwiti wkoll b'interess mill-istampa.

Pereżempju, ir-rapport dwar is-suq tal-ħalib (RS 14/2009), li vvaluta safejn l-strumenti ta' ġestjoni tas-suq tal-ħalib laħqu l-objettivi prinċipali tagħhom, kien diskuss b'mod intensiv fil-Kunsill u fil-Parlament, u kien segwit b'mod wiesa' mill-midja u mill-professionisti kkonċernati, fi żmien meta s-settur qiegħed iħabbat wiċċu ma' firxa wiesgħha ta' diffikultajiet.

Il-Qorti qiegħda tiżviluppa aktar l-analiżi tagħha tal-impatt ta' xogħolha. Fl-2009 l-Qorti bdiet tiżviluppa proċedura sistematika ta' segwitu għar-Rapporti Speċjali tal-Qorti bil-ħsieb li jiġi identifikat u ddokumentat il-progress li sar minn min qiegħed ikun ivverifikat fl-indirizzar tad-dgħufijiet identifikati u tar-rakkomandazzjonijiet li saru. Din se tagħti respons addizzjonal lill-Qorti dwar l-impatt ta' xogħolha, kif ukoll lill-Parlament u lil partijiet interessati oħra.

IL-FEHMA TAL-QORTI

L-OPINJONI 1/2010 - IT-TITJIB TAL-ĠESTJONI FINANZJARJA TAL-BAĠIT TAL-UNJONI EWROPEA: RISKJI U SFIDI

Fi Frar 2010 I-Qorti pproduċiet, għall-ewwel darba, opinjoni dwar x'jista' jsir biex jitnaqqas il-livell ta' pagamenti irregolari u tittejjeb il-kwalità tal-infiq (l-ekonomija, l-effiċjenza u l-effettività) fil-baġit tal-UE.

Il-Qorti kkonkludiet li l-bini fuq il-progress reċenti fit-tnaqqis tal-livell ta' pagamenti irregolari se jiddependi minn semplifikazzjoni tal-oqfsa leġiżlattivi fl-oqsma ta' riskju għoli kif ukoll introduzzjoni ta' sistemi ta' sorveljanza u kontroll aktar kosteffettivi. Riformi bħal dawn iridu jseħħu fil-kuntest usa' tar-reviżjoni kurrenti tal-arranġamenti għall-infiq tal-UE. Fil-fehma tal-Qorti, it-titjib fil-kwalità tal-infiq għandu jkun priorità kbira li tista' tintlaħaq permezz tal-applikazzjoni tal-kunċett ta' valur miżjud Ewropew waqt l-iffissar tal-prioritajiet għan-nefqa u billi jiġu indirizzati l-problemi speċifiċi identifikati mill-Qorti fil-għażla, fit-tfassil u fl-operazzjoni ta' programmi u skemi tan-nefqa.

IDENTIFIKA L-OQSMA BL-OGĦLA LIVELLI TA' PAGAMENTI IRREGOLARI

Għalkemm niżel il-livell ġenerali ta' pagamenti irregolari mill-baġit tal-UE, għadu għoli fil-Koeżjoni u fl-Għajjnuna esterna, l-Iżvilupp u t-Tkabbir, kif ukoll fil-Programm ta' Qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku, u għan-Nefqa tal-Iżvilupp Rurali. L-irregolaritajiet l-aktar komuni huma klejms ineliġibbi minn beneficijarji, dikjarazzjoni żejda ta' spejjeż, u nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonijiet għall-pagamenti, eż- regoli tal-akkwist pubbliku. Fil-biċċa l-kbira jinħolqu mill-kumplessità tar-regoli u tal-kundizzjonijiet tal-pagamenti kif ukoll nuqqasijiet tas-sistemi biex jikkontrollaw ir-riskji fil-livell tal-benefiċjarju finali.

ISSEMPLIFIKA L-OQFSA LEGALI RELEVANTI U TEJJEB IS-SORVELJANZA U L-KONTROLL

Il-Kummissjoni għandha tindirizza d-dgħufijiet speċifiċi fis-sistemi misjuba mill-Qorti fl-oqsma bl-ogħla livelli ta' irregolarità u ttejjeb is-sorveljanza tagħha. Madankollu, filwaqt li l-kontrolli jiż-żiedu u r-rati ta' żball jaqgħu, l-ispejjeż tal-kontroll jibdew jegħi lu l-benefiċċċi. Għalhekk, is-semplifikazzjoni għandha tibqa' priorità. Regoli u regolamenti li huma ċari fl-interpretazzjoni u sempliċi biex ikunu applikati mhux biss inaqqsu r-riskju ta' żball iż-żda jistgħu wkoll inaqqsu l-ispejjeż tal-kontroll.

TEJJEB IT-TFASSIL TAL-PROGRAMMI TAN-NEFQA

Minbarra s-semplifikazzjoni, waqt ir-reviżjoni ta' interventi eżistenti u t-tfassil ta' interventi ġodda, il-Kummissjoni għandha tiżgura li jkunu ffissati objettivi ċari. Ta' sikwit hemm ħtieġa għal aktar realiżmu kif ukoll għal aktar trasparenza u responsabbiltà. Biex dawn jinkisbu, il-proċessi eżistenti tal-Kummissjoni għall-iżvilupp ta' politiki - partikolarmar il-prattika tagħha ta' evalwazzjoni *ex-ante* u ta' valutazzjonijiet tal-impatt - jistgħu jissaħħu aktar.

IFFOKA FUQ IL-VALUR MIŻJUD EWROPEW META TAGħŻEL PRIJORITAJIET TAN-NEFQA

Il-Qorti tissuġġerixxi li l-kunċett ta' valur miżjud Ewropew għandu jkun artikulat f'dikjarazzjoni politika xierqa jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE. B'hekk għandha tingħata gwida lill-autoritajiet politiċi tal-UE sabiex din tintuża fl-għażla ta' prioritajiet tan-nefqa.

AĦTAF L-OPPORTUNITÀ TAR-RIFORMA TAL-BAĠIT BIEX ITTEJJEB IL-KWALITÀ TAL-INFIQ

Fil-fehma tal-Qorti, il-Kummissjoni għandha tlesti r-Reviżjoni tal-Baġit mill-aktar fis-possibbli. Ir-riżultati relevanti għandhom ikunu kkunsidrati waqt it-ħejjija tal-qafas finanzjarju li jibda fl-2014. It-titjib tal-kwalità tal-infiq għandha tkun priorità kbira għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant dan għandu jkun objettiv prinċipali għall-Kummissjoni l-għidha.

IX-XOGĦOL IPPJANAT TAL-QORTI FL-2010¹⁰

Kull sena l-Qorti tispjega x-xogħol tal-verifika tagħha fi programm tax-xogħol li huwa ppreżentat lill-Kumitat ta' Kontroll tal-Baġit tal-Parlament Ewropew u li huwa disponibbli għall-pubbliku fuq il-websajt tal-Qorti. Il-programm tax-xogħol jinforma lill-partijiet interessati dwar verifikasi ġodda u dawk li għadhom għaddejjin kif ukoll rapporti li għad iridu jaslu.

Il-Qorti żviluppat Strateġija tal-Verifika għall-perjodu 2009 sal-2012 li huwa mfassal madwar żewġ skopijiet ta' priorità: tkabbar kemm jista' jkun l-impatt ġenerali mill-verifikasi; u żżid l-effiċjenza permezz tal-aqwa użu tar-riżorsi tagħha. Dawn l-iskopijiet se jigwidaw il-programm tax-xogħol tal-Qorti għall-2010 u l-isforzi tagħha biex dejjem titjeb.

Il-Qorti bi ħsiebha tkabbar kemm jista' jkun l-impatt ġenerali mill-verifikasi tagħha matul il-perjodu billi:

- tagħżel u tfassal verifikasi li jiffukaw fuq temi relatati ma' oqsma ta' riskju u li huma tal-ikbar interess għall-partijiet interessati;
- tkompli tipproduċi konklużjonijiet tal-verifika robusti u rakkmandazzjonijiet utli għal titjib, u ssegwihom;
- twettaq firxa usa' ta' verifikasi u tipproduċi prodotti tal-verifika ġodda biex tikkomplementa r-rapporti annwali u speċjali kurrenti;
- iżżid l-għadd u ttejjeb il-puntwalità u l-faċilità għall-utenti tar-rapporti speċjali tagħha; u
- tiżviluppa aktar ir-relazzjonijiet tagħha ma' partijiet interessati, inklużi l-Kumitat Parlamentari, il-midja u l-pubbliku inġenerali.

Il-Qorti bi ħsiebha żżid l-effiċjenza billi tagħmel l-aqwa użu tar-riżorsi mill-verifikasi tagħha matul il-perjodu billi:

- ittejjeb l-amministrazzjoni,
- timplimenta politiki tar-riżorsi umani effettivi u dinamiċi,
- tirazzjonalizza kompiti tal-verifika,
- ittejjeb l-għodod tal-IT,
- tiżviluppa ħiliet professjonali,
- tiżviluppa relazzjonijiet ma' dawk li qiegħdin jiġu vverifikati.

¹⁰ Għal informazzjoni aktar kompleta u dettaljata dwar ix-xogħol futur tal-Qorti jekk jogħġibok irreferi għall-programm tax-xogħol u l-istratteġija tal-verifikasi tal-Qorti għall-2010 li huwa disponibbli fuq il-websajt tagħna (www.eca.europa.eu).

ĊERIMONJA BIEX TIMMARKA TQEGĦID L-EWWEL ĠEBLA TA' BINI ĠDID

Fl-1 ta' Lulju 2009, fil-Lussemburgu tqiegħdet l-ewwel ġebla ta' bini ġdid, it-tieni estensjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Is-Sur Vítor Caldeira, il-President tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, is-Sur Claude Wiseler, il-Ministru Lussemburgiż għax-Xogħliljet Pubbliċi, is-Sur Patrick Gillen, President tal-“Fonds d’urbanisation et d’aménagement du Kirchberg” u s-Sur Eduardo Ruiz García, is-Segretarju-Ġenerali tal-Qorti, wettqu l-ewwel xogħol simboliku bl-imgħażqa biex jimmarkaw il-bidu tal-proġett.

B'din l-estensjoni, il-kumpless tal-Qorti tal-Awdituri, li diġà fih żewġ binjet, se jippermetti l-akkomodazzjoni tal-persunal irreklutat wara tkabbir suċċessiv tal-Unjoni Ewropea.



Il-Qorti identifikat temi ta' priorità speċifiċi għall-Programm tax-Xogħol tal-2010, li jinkludu:

- in-natura multiannwali ta' ħafna min-nefqa, inklużi korrezzjonijiet u rkupri fuq rata fissa;
- l-innovazzjoni u s-suq intern;
- il-kapital uman;
- l-enerġija sostenibbli; u
- l-istrateġija tal-Kummissjoni biex tissemplifika l-qafas regolatorju għan-negozju u għaċ-ċittadini.

Il-Qorti timmira li twessa' l-firxa tal-prodotti tagħha bbażati fuq il-verifika matul il-perjodu 2009 sal-2012. Dan se jinkiseb b'konsultazzjoni ma' partijiet interessati esterni biex ikun żgurat li hemm fehma ċara tal-bosta ħtiġijiet tagħhom u kif il-Qorti tista' tissodisfa l-aspettativi tagħhom bl-aqwa mod filwaqt li twettaq il-mandat tagħha skont it-Trattat.

Proporzjon sinifikanti tar-riżorsi disponibbli tal-Qorti huwa ddedikat għall-verifika finanzjarja li minnha toħroġ id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni. Din tinvolvi l-eżami u l-it-testjar tal-baġit ġenerali tal-kontijiet u t-tranżazzjonijiet tal-baġit ġenerali tal-UE għal kull sena finanzjarja. Jitħejjew dikjarazzjoni jist-qaġid ta' assigurazzjoni separati għall-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp u għal kull waħda mill-40 Aġenċija u korp Ewropew. Ix-xogħol tal-verifika jsir bejn Ġunju tas-sena n sa Ġunju tas-sena n+1, ħalli r-rapporti annwali jkunu jistgħu jiġu ppubblikati f'Novembru tas-sena n+1 skont ir-Regolament Finanzjarju. Matul l-2010, il-Qorti għalhekk se taħdem fuq it-tlestitja u l-pubblikkjoni tad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni għas-sena finanzjarja 2009, u tibda taħdem fuq is-sena finanzjarja 2010¹¹.

Fit-twettiq ta' xogħolha l-Qorti timmira li tipprovdi konklużjonijiet ċari dwar l-istat tal-ġestjoni tal-kontabilità u dik finanzjarja għall-oqsma differenti tal-baġit, kif ukoll biex tagħmel rakkmandazzjonijiet prattiċi u kosteffettivi fejn jista' jsir titjib.

Ir-Rapport Annwali tal-Qorti dwar il-baġit ġenerali għall-2009 se tkompli jibni fuq l-istruttura l-ġidida introdotta għall-ewwel darba għar-rapport tal-2007, li jirrifletti l-bidla fil-mod kif il-baġit huwa organizzat¹². Is-sejbiet huma ppreżentati f'kapitoli li jkopru gruppi loġiċi ta' oqsma tal-politika li huma allinjati mill-qrib, iżda mhux għal kollo, mal-intestaturi tal-qafas finanzjarju l-ġdid. Il-Qorti se tkompli tagħti attenzjoni partikolari lit-titjib taċ-ċarezza u tal-konsistenza tal-preżentazzjoni tar-riżultati u tal-konklużjonijiet tagħha, sabiex tiffaċilita l-komprensjoni u l-leġibbiltà kif ukoll biex tħaffef it-tqabbil ma' u bejn gruppi tal-politika, u bejn is-snин.

¹¹ Aktar informazzjoni fuq l-aproċċ tad-DAS tista' tinkiseb mill-websajt tal-Qorti: www.ec.europa.eu.

¹² Il-Qorti stabbiliet grupp ta' riflessjoni għad-DAS biex jirrifletti fuq aspetti differenti tat-tfassil tal-verifika tad-DAS, inkluża l-kwistjoni ta' definizzjoni mill-ġidid ta' oqsma ta' valutazzjonijiet spċifici.

IL-PRESTAZZJONI – KEJL U TITJIB

36

L-INDIKATURI TAL-PRESTAZZJONI PRINCIPIALI

Fl-2008 l-Qorti ddeċidiet li tistabbilixxi sistema ta' Indikaturi tal-Prestazzjoni Prinċipali (IPP) għall-attivitajiet tal-verifikasi tagħha u dawk li m'għandhomx x'jaqsmu mal-verifikasi sabiex tkejjel il-prestazzjoni fuq l-ilħuq tal-objettivi strateġiċi tal-Qorti u l-objettivi ffissati fil-Programm tax-Xogħol Annwali. L-IPP għandhom l-iskop li jtejbu r-responsabbiltà interna u esterna u li jtejbu l-effiċjenza u l-kwalità tax-xogħol.

GħALFEJN INDIKATURI TAL-PRESTAZZJONI PRINCIPIALI?

- Biex il-maniġment ikun infurmat dwar jekk il-Qorti, bħala organizzazzjoni, hjiex qiegħda tagħmel relativament dak li kienet iddeċidiet li tagħmel;
- Biex issostni l-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet, billi tiffoka l-attenzjoni tal-organizzazzjoni fuq kwistjonijiet ta' effiċjenza u trawwim tat-titjib;
- Biex tagħti informazzjoni lill-partijiet interessati dwar kwistjonijiet ta' prestazzjoni relevanti tal-Qorti.

L-IPP jiffukaw fuq l-ilħuq tal-objettivi strateġiċi tal-Qorti billi jkopru l-kwalità tal-verifikasi, il-prodott, l-impatt u l-ġestjoni tajba tar-riżorsi tal-Qorti. L-IPP jirrappurtaw dwar il-prestazzjoni "korporattiva" u huma parti integrali mis-sistema tal-ġestjoni tal-Qorti.

L-INDIKATURI TAL-PRESTAZZJONI PRINĊIPALI TAL-QORTI

IPP 1	Evalwazzjoni mill-utenti prinċipali tar-rapporti tal-Qorti dwar il-kwalità u l-impatt tal-verifika tal-Qorti
IPP 2	Evalwazzjoni minn min qiegħed ikun ivverifikat, dwar il-kwalità u l-impatt tal-verifikasi tal-Qorti
IPP 3	Punteggj mogħi minn panel ta' esperti esterni dwar il-kontenut u l-preżentazzjoni tar-rapporti tal-Qorti
IPP 4	Perċentwal ta' rakkmandazzjonijiet tal-verifika: a) aċċettati minn min qiegħed ikun ivverifikat b) implimentati minn min qiegħed ikun ivverifikat f'ċertu numru ta' snin
IPP 5	Għadd ta' rapporti adottati meta mqabbel ma' adozzjonijiet ippjanati
IPP 6	Għadd ta' rapporti adottati fil-ħin
IPP 7	Perċentwal ta' Dikjarazzjonijiet tas-Sejbiet Preliminari maħruja fil-ħin
IPP 8	Evalwazzjoni esterna tal-ġestjoni finanzjarja tal-Qorti: a) opinjoni tal-auditur estern b) deċiżjoni tal-awtorità ta' kwittanza
IPP 9	Grad ta' sodisfazzjon tal-persunal tal-Qorti
IPP 10	Medja ta' jiem ta' taħriġ professionali għal kull persuna

Il-kwantità u l-kwalità tax-xogħol tal-verifika jistgħu jittejbu wkoll meta wieħed iñħares lejn l-impatt li għandhom ir-rapporti u l-opinjonijiet tal-Qorti fuq il-ġestjoni finanzjarja. Erba' Indikaturi tal-Prestazzjoni Prinċipali (1 sa 4) huma mmirati lejn il-kejl tal-impatt tax-xogħol tal-Qorti. Huma inklużi fil-Programm tax-Xogħol Annwali 2010 tal-Qorti.

Għadd ta' rapporti adottati meta mqabbla ma' dak ippjanat

Fl-2009, il-Qorti adottat 91 % tal-għadd ta' rapporti ppjanat. Ir-rapport annwali u r-rapporti annwali speċifiċi kollha kienu adottati skont il-pjan. Għal dak li jirrigwarda r-rapporti speċjali, 18 kienu adottati meta mqabbla mal-24 ippjanati. Is-6 li kien fadal kienu fil-fażi finali tar-rappurtar fil-31 ta' Diċembru 2009.

Għadd ta' rapporti adottati fil-ħin

Fl-2009, il-Qorti adottat 67 % tar-rapporti tagħha fi ħdan l-iskala ta' żmien stabbilita. Ir-rapport annwali u r-rapporti annwali speċifiċi kollha kienu adottati fil-ħin. Minħabba dewmien fir-rapporti speċjali, il-Qorti ma laħqitx il-mira ffissata għall-IPP 6. Jinħtieġ aktar sforzi biex tittejjeb il-puntwalitā tal-adozzjoni tar-rapporti speċjali.

Il-kejl tal-għadd ta' sejbiet preliminari prinċipali maħruġa fil-ħin

Il-Qorti tinnotifika lil min qiegħed ikun ivverifikat dwar ir-riżultati tal-verifika inizjali f'Dikjarazzjoni tas-Seqbiet Preliminari (DSP). Il-Qorti bi ħsiebha tkhaffef it-twassil tad-DSP b'10 % kull sena b'mira fit-tul ta' 80 % ta' DSP li għandhom jinħarġu fi ħdan l-iskala ta' żmien stabbilita (xahrejn wara l-aħħar żjara tal-verifika). Fl-2009 l-għadd ta' DSP maħruġa fil-ħin żdied b'16 % meta mqabbel mal-2008.

L-evalwazzjoni esterna tal-ġestjoni finanzjarja tal-Qorti (a) I-opinjoni tal-awditur estern (b) id-deċiżjoni tal-awtorità tal-kwittanza

L-awditur estern tal-Qorti ta opinjoni tajba/mhux kwalifikata dwar ir-rendikonti finanzjarji u dwar l-użu tar-riżorsi, u l-Parlament Ewropew ta l-kwittanza wara rakkommmandazzjoni pożittiva mill-Kunsill.

Il-Grad ta' sodisfazzjon tal-persunal tal-Qorti

Wara stħarriġ intern fl-2009 dwar is-sodisfazzjon tal-persunal, 86 % tal-persunal tal-Qorti kienu ġeneralment sodisfatti b'xogħolhom (mira ta' 80 %) filwaqt li l-grad ġenerali ta' sodisfazzjon tal-persunal laħaq punteġġ ta' 2,8 fuq skala ta' 4 (mira ta' 2,5).

Il-medja ta' ijem ta' taħriġ professionali għal kull awditur (mhux fil-lingwi)

Wara linji gwida ppubblikati mill-IFAC-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti, il-Qorti tipprova tagħti 40 siegħa (5 ijiem) ta' taħriġ professionali medju għal kull awditur. Fl-2009 l-medja kienet erbat ijiem. Se jiżdiedu l-isforzi biex ikun żgurat li l-mira tintlaħaq fl-2010.

IL-KOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI

Il-Qorti ssuktat fl-irwol sħiħ u attiv tagħha ta' koperazzjoni internazzjonali:

- fil-Kumitat ta' Kuntatt, li jgħib flimkien il-kapipiet tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika fl-Istati Membri tal-UE u l-president tal-Qorti;
- fin-netwerk tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika tal-pajjiżi kandidati għas-sħubja fl-UE;
- fl-Organizzazzjoni Ewropea tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika (EUROSAI); u
- fl-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika (INTOSAI).

Minbarra l-kontribuzzjoni tagħha lejn il-laqqħat annwali ta' dawn l-organizzazzjonijiet u lejn it-titjib tal-istandardi u tal-prattika tal-verifika internazzjonali, il-Qorti ħadet sehem b'mod attiv fil-kumitat u fil-gruppi ta' ħidma stabbiliti minnhom. Partikolarment, il-Qorti:

- ppresediet il-gruppi ta' ħidma tal-Kumitat ta' Kuntatt dwar l-istandardi tal-verifika komuni u dwar il-VAT;
- ħadet sehem fil-gruppi ta' ħidma tal-Kumitat ta' Kuntatt dwar rapporti tal-Istituzzjoni Suprema tal-Verifika nazzjonali u l-fondi strutturali;
- kienet irrappreżentata fil-gruppi ta' ħidma tal-EUROSAI dwar l-ambjent u l-IT, fil-grupp tal-EUROSAI li qiegħed iħejji gwida ta' prattika tajba għall-kisba tal-kwalità u fil-kumitat ta' taħbi tal-EUROSAI u fit-task force tal-EUROSAI dwar il-verifika ta' fondi allokati għal diżastru u katastrofijiet;
- ippresediet il-grupp ta' ħidma tal-INTOSAI dwar ir-responsabbiltà għal u l-verifika ta' għajnuna relatata mad-diżastru;
- ħadet sehem f'sottokumitati tal-INTOSAI dwar il-verifika finanzjarja, tal-konformità u tal-prestazzjoni u fit-task force tagħha dwar il-kriżi finanzjarja globali.

IR-RIŻORSI UMANI U S-SERVIZZI TA' SOSTENN

40

L-assi ewljeni tal-Qorti huwa l-personal tagħha. Fil-31 ta' Diċembru 2009, il-Qorti kellha għadd ta' persunal ta' 880 (uffiċjali u persunal temporanju, imma mhux inklużi l-Membri, il-persunal fuq kuntratt, l-eserti nazzjonali ssekondati u min qiegħed jitħarreġ). L-għadd tal-persunal huwa magħmul minn 525 impjegat li jaħdmu fuq kompiti relatati mal-verifika (li jinkludu 115 f'uffiċċji privati tal-Membri), 163 fit-traduzzjoni, 171 fis-sostenn amministrattiv u 21 fil-Presidenza. Għandhom firxa wiesgħa ta' sfondi akkademiċi u professionali u l-kwalità ta' xogħolhom u tal-impenn tagħhom hija riflessa fil-prodott tal-istituzzjoni.

TQASSIM TAL-KARIGI TAL-QORTI FIL-31 TA' DIĊEMBRU (Karigi okkupati u battala)


	2008	2009
Il-Kompiti relatati mal-verifika	501	525
It-Traduzzjoni	163	163
Is-Sostenn amministrattiv	173	171
Il-Presidenza	20	21
Total	857	880

Il-Qorti hija impenjata lejn l-il-ħuq tal-iskop strateġiku tagħha li żżid l-effiċjenza permezz tal-aqwa użu ta' riżorsi. Għalhekk, l-attivitàajiet kollha fl-2009 komplew ifittxu u jintroduċu kisbiet ta' effiċjenza potenzjali permezz tas-semplifikazzjoni tal-proċeduri u tas-servizzi. Partikolarment ir-riżorsi tas-sostenn li kienu disponibbli wara l-kisbiet tal-effiċjenza tqassmu mill-ġdid lejn il-verifika kull meta kien possibbli. Dan huwa proċess li għadu għaddej u li l-effetti tiegħu sejkun aktar viżibbli fl-2010.

Għar-Riżorsi Umani l-Qorti ffissat Indikatur tal-Prestazzjoni Prinċipali (IPP 9) għall-evalwazzjoni tal-grad ta' sodisfazzjon tal-persunal tal-Qorti (ara l-paġna 37). Ġie varat stħarriġ dwar is-Sodisfazzjon tal-Persunal biex tingħata informazzjoni dwar din it-tema u biex issostni l-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet f'dan il-qasam. Bħalissa l-Qorti qiegħda timplimenta azzjonijiet biex tieħu vantaġġ sħiħ mill-opportunitajiet identifikati biex tilħaq riżultati ogħla fis-snin li ġejjin.


IL-PROPORZJON TA' RĠIEL U NISA

Il-persunal kien magħmul minn irġiel u nisa fi proporzjonijiet kważi ugwali.




Il-grafika hawn taħt turi l-proporzjon ta' rġiel u nisa skont il-livell ta' responsabbiltà fil-31 ta' Diċembru 2009. Bħall-Istituzzjonijiet Ewropej l-oħra, il-Qorti tapplika politika ta' opportunitajiet ugwali fil-ġestjoni u fir-reklutaġġ tar-riżorsi umani tagħha. Il-Qorti tagħraf il-ħtieġa li tkun aktar attiva fil-promozzjoni tagħha tat-trattament ugwali waqt ir-reklutaġġ f'livelli oħla ta' amministrazzjoni. 17 mill-64 Direttur u Kap ta' Diviżjoni/Unità (26,5 %) huma nisa, li jirrappreżentaw żieda ċkejkna mill-2008 (24 %). Madankollu l-biċċa l-kbira minnhom huma impiegati fid-Direttorat tat-Traduzzjoni u fid-dipartimenti amministrattivi.

Din iż-żieda fil-għadd ta' nisa fil-livell AD tirrifletti l-kampanja l-aktar reċenti ta' reklutaġġ. 43 % tal-persunal huma nisa fil-livelli AD5 sa AD8.





Awdituri - amministraturi (livell AD)




Assistenti - segretarji (livell AST)



IL-PROFIL TAL-ETÀ

Il-grafika tal-profil tal-età hawn taħt tat-862 persunal f'servizz attiv fil-Qorti fil-31 ta' Diċembru 2009 turi l-Qorti bħala istituzzjoni "żagħżugħha", b'61 % tal-membri tal-persunal li għandhom 44 sena jew inqas. Id-99 impjegat tal-Qorti li għandhom 55 sena jew fuqhom jinkludu 24 mill-64 Direttur u Kapijet ta' Diviżjoni/Unità, u dan ifisser tiġidid estensiv ta' persunal f'karigi għolja fil-5 sa 10 snin li jmiss.



REKLUTAĠġ

Il-politika ta' reklutaġġ tal-Qorti ssegwi l-prinċipji ġeneralni u l-kundizzjonijiet tal-impieg tal-istituzzjonijiet tal-UE, u l-impiegati tagħha jinkludu kemm impiegati permanenti taċ-ċivil kif ukoll persunal fuq kuntratti temporanji. Kompetizzjonijiet miftuħa għal karigi fil-Qorti huma organizzati mill-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO). Il-Qorti tipprovd wkoll taħrifg lil għadd limitat ta' gradwati universitarji għal perjodi ta' tlieta sa' ħames xhur.

Fl-2009, il-Qorti rreklutat 112-il impiegat: 69 uffiċjal, 14-il persunal temporanju u 29 persunal kuntrattwali. Ir-reklutaġġ jiddependi mid-disponibbiltà u mis-suffiċjenza ta' listi ta' riżerva minn kompetizzjonijiet tal-EPSO.

Il-Qorti rnexxielha tirrekluta għadd xieraq ta' persunal ġdid fl-2009. It-73 kariga battala fil-31 ta' Diċembru 2009 tnaqqusu b'mod sinifikanti bi 33 % għal 49 sas-26 ta' Jannar 2010 u se jkomplu jonqsu sew fix-xhur li ġejjin bħala riżultat tal-persunal tal-verifika li dieħel fis-servizz wara kampanja reċenti tar-reklutaġġ. Kien hemm 68 kariga battala fil-31 ta' Diċembru 2008.

Il-Qorti rnexxielha wkoll tqassar il-perjodu medju ta' żmien tar-reklutaġġ fl-2009. Għall-persunal irreklutat mill-kompetizzjoni EPSO AD/126/08, il-lista ta' riżerva kienet ippubblikata f'Awwissu u l-ewwel kandidati li kellhom suċċess ingħaqdu mal-Qorti fil-bidu ta' Novembru, 3 xhur wara biss.

TAĦRIġ PROFESSJONALI

Il-professjoni tal-verifika teħtieġ taħriġ kontinwu. Barra dan, l-ispeċifiċitajiet tal-ambjent tal-verifika tal-Qorti joħolqu l-ħtieġa għal awdituri b'hiġiet lingwistiċi tajba.

Fl-2009, kull membru tal-persunal tal-Qorti rċieva medja ta' 9 ijiem ta' taħriġ professjonal. Il-korsijiet tal-ilsna rrappreżentaw 64 % tal-għadd totali ta' jaem iddedikati għat-taħriġ fl-2009, meta mqabbla ma' 48 % fl-2008. Mingħajr ma wieħed jikkunsidra l-korsijiet tal-ilsna, l-awdituri ddedikaw 4 ijiem għal taħriġ professjonalni fl-2009 (ara l-IPP 10 fuq il-paġna 38). Din iċ-ċifra mistennija tikber fl-2010, wara t-taħriġ obbligatorju li ġandu jingħata lil dawk li għadhom kemm jaslu. Qegħdin isiru sforzi wkoll biex jiddaħħlu korsijiet ta' aġġornament ta' taħriġ f'oqsma prinċipali tal-verifika.

Abbażi tal-objettiv strateġiku fit-tul "Tagħlim u Tkabbir" u l-pjan direttiv għal taħriġ għall-2008-2011 kif ukoll l-istrutturi tat-taħriġ adottati fl-2009, l-Unità tat-Taħriġ tejbet il-kontenut tat-taħriġ u żviluppat korsijiet ġodda li jsegu l-prioritajiet deċiżi mill-Qorti. Barra dan, tkompliet b'suċċess il-koperazzjoni mal-istituzzjonijiet u l-korpi interistituzzjonali l-oħra bħall-Iskola Ewropea tal-Amministrazzjoni.

II-Kaxxa 5 tippreżenta l-persunal ta' unità waħda ta' Grupp tal-Verifikasi fi ħdan il-Qorti, u b'hekk tipprovd tagħrif dwar ix-xogħol imwettaq u in-nies ikkonċernati.

IL-KAXXA 5 – IT-TIM TAL-ĠUSTIZZJA U L-AFFARIJET INTERNI TAL-BALKANI TAL-PUNENT

Il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent intlaqtu minn vjolenza fil-passat. L-interess tal-Unjoni Ewropea fir-reġjun huwa li tippromovi sigurtà u stabbiltà fuq terminu ta' żmien twil. Ir-regola tal-liġi, fruntieri protetti u l-ġlieda kontra l-koruzzjoni huma rekwiżiti preċedenti għall-adeżjoni fl-UE u sfida kbira fil-Balkani tal-Punent. Il-Kummissjoni Ewropea hija finanzjarjament id-donatur l-aktar sinifikanti fir-reġjun. Ir-rapport tal-Qorti tal-2009 dwar l-effettività tal-proġetti tal-Kummissjoni fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni għall-Balkani tal-Punent (ir-Rapport Speċjali Nru 12/2009) ta' tagħrif dwar dan il-qasam partikolarmen importanti.

L-awditi analizzaw kemm il-proġetti tal-investimenti kif ukoll dawk tal-bini tal-istituzzjonijiet f'erba' oqsma: l-ażil, il-ġestjoni integrata tal-fruntieri, il-ġudikatura u l-pulizija. Tlieta u tletin proġett finalizzat kienu vverifikati

fuq il-post, inkluż ċentru tal-ażil u ħabs fl-Albanija, qorti tad-drittijiet tal-bniedem u tad-delitti tal-gwerra fil-Bosnja u fil-Hezegowina. Ukoll, ġew miżjura bosta punti ta' qsim tal-fruntieri ffinanzjati mill-UE f'dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, fil-Montenegro u fis-Serbja biex ikun ivvalutat jekk l-intervent tal-UE għamilx differenza.

It-tim wara l-verifikasi ġadhem b'koperazzjoni mill-qrib mal-Membru relatur, is-Sur Maarten B. Engwirda. Il-kapijiet tad-diviżjonijiet responsabbi mis-sorveljanza tal-verifikasi kienu s-Sinjura Raija Peltonen u s-Sur Ossi Louko, il-kap tat-tim kien is-Sur Jussi Bright. L-awditi kkonċernati kienu s-Sur Enrico Grassi u s-Sur Miroslav Matej flimkien mas-Sur Horst Fischer u s-Sur Jan Pieter Lingen, mill-uffiċċju privat ta' Maarten B. Engwirda, li wkoll kellhom rwol sinifikanti.



Mix-xellug għal-lemin, **Raija PELTONEN**, Kap tal-Unità, **Jan Pieter LINGEN**, Kap tal-Uffiċċju privat, **Horst FISCHER**, Attaché fl-Uffiċċju Privat, **Jussi BRIGHT**, Awditur mexxej tat-tim, **Maarten B. ENGWIRDA**, Membru tal-Qorti, **Ossi LOUKO**, Kap tal-Unità, **Enrico GRASSI**, Awditur, **Miroslav MATEJ**, Awditur.

TRADUZZJONI

It-traduzzjoni hija attivit  ta' sostenn importanti tal-verifika li permezz tagħha l-Qorti tkun tista' twettaq il-missjoni tagħha u tilħaq l-objettivi tal-komunikazzjoni tagħha. Fl-2009 l-volum totali ta' xogħol tradott żdied b'5,2 %, meta mqabbel mal-2008. Il-perċentwal tas-servizzi tat-traduzzjoni mwettqa fil-ħin kien 'il fuq minn 95 %.

Żdiedet l-ghajjnuna lingwistika lill-awdituri fit-twettiq taż-żjarat tal-verifika u fl-abbozzar tar-rapporti. Ingħata sostenn ukoll lill-gruppi ta' ħidma tal-INTOSAI u għal ġtiġijiet speċifiċi oħra relatati mal-attivitajiet tal-verifika tal-Qorti. F'Jannar 2010 ġiet introdotta applikazzjoni ġdida tal-kompjuter (Artemis) biex ix-xogħol tat-traduzzjoni jitmexxa b'mod aktar effiċjenti.

IT-TEKNOLOĠIJA TAL-INFORMAZZJONI

It-teknoloġija tal-informazzjoni tagħti għodod u servizzi importanti lill-awdituri. Fl-2009 nkisbu l-iżviluppi prinċipali li ġejjin:

- Is-semplifikazzjoni tal-proċess u t-tkomplija tal-migrazzjoni lejn ambjent ta' uffiċċju bla karti permezz tal-implementazzjoni ta' soluzzjonijiet ta' approvazzjoni awtomatika (visa) u ta' formoli elettroniċi, l-introduzzjoni tal-firma elettronika u l-bidu tax-xogħol fuq l-implementazzjoni ta' Sistema ta' Ġestjoni tal-Informazzjoni Reregistrata.
- Is-sigurtà tal-infrastruttura tal-IT tal-Qorti ssaħħet bit-twaqqif ta' Ċentru tal-Irkupru wara d-Diżästri u t-titjib tal-pjattaforma tal-Lotus Notes, li hija s-sinsla tas-sistemi tal-bgħit kritiku u tad-dokumentazzjoni/arkivjar tal-verifika tal-Qorti.
- Pjan tal-IT fuq terminu twil għall-2010-2012 ġie adottat biex jippermetti l-allinjament tal-IT mal-objettivi strateġiċi tal-verifika tal-qalba tal-Qorti u t-tkomplija tat-tfittix tal-eċċellenza fit-twassil ta' servizzi.

L-AMMINISTRAZZJONI U L-FAĊILITAJIET

Id-Direttorat tal-Finanzi u s-Sostenn jagħti servizzi amministrattivi u faċilitajiet. Dan jinkludi kontrolli interni u mekkaniżmi tal-kontabbiltà, u servizzi amministrattivi u loġistiċi.

Fl-2009 d-Direttorat iffoka fuq organizzazzjoni mill-ġdid tas-servizzi tiegħu biex itejjeb l-effiċjenza u l-effettività tiegħu u biex jirrilaxxa rīzorsi biex jitqassmu mill-ġdid lejn il-verifika. Din l-organizzazzjoni mill-ġdid wasslet għal tnaqqis fil-ġhadd ta' Unitajiet fid-Direttorat (minn 5 għal 3) u t-tqassim mill-ġdid ta' għadd ta' karigi fis-servizzi tal-verifika.

Attivită kaira tad-Direttorat kienet tinvolvi l-bini ta' binja ġdid għall-Qorti (il-binja K3). Fl-2009 wara sejħa għall-offerti, inħatar maniġer tal-proġetti. Ix-xogħol tal-bini se jibda f'Marzu 2010 u huwa mistenni li jkun konkluż fl-2013. Il-proġett għadu fil-ħin u fi ħdan il-limiti tal-baġit.



IŻ-ŻJARAT TAL-VERIFIKA


Ix-xogħol tal-verifika tal-Qorti jeħtieġ li l-audituri jagħmlu żjarat fl-Istati Membri u f'pajjiżi destinatarji oħra tal-fondi tal-UE biex jiksbu provi tal-verifika xierqa.

Dawn iż-żjarat huma normalment f'amministrazzjonijiet ċentrali u lokali involuti fl-ipproċessar, fil-ġestjoni u fil-pagament ta' fondi tal-UE u l-benefiċjarji finali li jirċevuhom. Timijiet tal-verifika ġeneralment huma magħmula minn żewġ awditi jew tlieta u t-tul ta' żmien ta' missjoni tal-verifika s-soltu huwa sa għimaginej, skont it-tip ta' verifika u d-distanza tal-ivvjaġġar.

Fi ħdan l-UE, iż-żjarat tal-verifika ta' sikwit huma magħmula b'kollaborazzjoni mal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika tal-Istati Membri miżjura, li jipprovdu sostenn loġistiku u prattiku li huwa utli.

Il-grafika li ġejja tagħti taqsira tal-għadd ta' missjonijiet tal-verifika magħmula mill-Qorti fi ħdan Stati Membri tal-UE (300) fl-2009. Kien hemm ukoll 36 missjoni tal-verifika barra l-Unjoni fl-2009.

ŻJARAT TAL-VERIFIKA – STATI MEMBRI (TOTAL: 300)



INFORMAZZJONI FINANZJARJA

L-IMPLEMENTAZZJONI TAL-BAĠIT TAL-2009

Tingħata taqsira tal-użu tal-appropriazzjonijiet tal-baġit allokati lill-Qorti għas-sena finanzjarja 2009 fit-tabella hawn taħt.

Fl-2009 r-rata ta' implementazzjoni tal-baġit ġenerali kienet ogħla minn 92 %. Fit-Titolu 1 (Persuni li jaħdmu mal-Istittuzzjoni) din ir-rata hija ta' 88 %, u l-perċentwal l-aktar baxx (82 %) jinsab fil-Kapitolo 14 (Persunal ieħor u servizzi esterni); dan huwa dovut l-aktar għal karigi battala u mingħajr biżżejjed okkupanza kif ukoll għal ekonomiji miksuba. Fit-Titolu 2 (bini, għamara, apparat u spejjeż differenti tax-xogħol), ir-rata ta' implementazzjoni medja hija qrib il-100 %.

L-ammont ta' pagamenti għall-Kapitolo 20 (Bini) huwa milqut mill-bini tat-tieni estensjoni tal-Qorti, il-Binja K3. L-ewwel porzjon tal-finanzjament ta' 55 miljun euro għal dan il-proġett kien inkluż fil-baġit tal-2009; dan l-ammont ġie impenjat u parti minnu tħallset fl-2009. Il-bilanċ tal-appropriazzjonijiet għall-Binja K3 huwa miġjub 'il quddiem għall-2010 biex ikopri kuntratti ffirmati mill-Maniġer tal-Proġetti f'isem il-Qorti ma' kumpaniji tal-kostruzzjoni. L-appropriazzjonijiet se jintużaw skont is-sottomissjoni magħmula mill-Qorti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill lejn tmiem l-2008.

SENA FINANZJARJA 2009	Appropriazzjonijiet finali	Impenji	Ħlasijiet	% użu (impenji/appropriazzjonijiet)
	(€1 000 ta' euro)			
10 – Membri tal-istituzzjoni	11 718	11 318	11 205	96,59
12 – Uffiċjali u aġenti temporanji	91 986	79 903	79 744	86,86
14 – Persunal ieħor u provvisti ta' servizzi esterni	4 597	3 800	3 763	82,66
162 – Missjoni	3 290	2 851	2 148	86,66
161, 163, 165 – Nefqiet oħrajn relatati ma' persuni marbutin mal-istituzzjoni	2 692	2 314	1 678	85,96
Subtotal it-Titolu 1	114 283	100 186	98 538	87,66
20 – Bini	62 443	62 425	7 313	99,97
210 – IT&T	6 269	6 259	3 604	99,84
212, 214, 216 – Bini u spejjeż marbuta	901	848	718	94,12
23 – Nefqa	424	389	275	91,75
25 – Laqgħat, konferenzi	878	870	655	99,09
27 – Informazzjoni u pubblikazzjoni	2 446	2 378	1 055	97,22
Subtotal it-Titolu 2	73 361	73 169	13 620	99,74
Total il-Qorti tal-Awdituri	187 644	173 355	112 158	92,39

IL-BAĠIT GĦALL-2010

Il-baġit tal-Qorti tal-2010 jirrappreżenta madwar 0,1 % tal-baġit totali tal-UE, jew madwar 1,87 % tal-baġit amministrattiv u istituzzjoni tal-UE. It-tabella hawn taħt turi kif l-appoprjazzjonijiet huma mqassma bejn linji differenti tal-baġit. L-appoprjazzjonijiet tal-persunal jammontaw bejn wieħed u ieħor għal 76 % tat-total fl-2010.

Il-baġit għall-2010 naqas b'21 % meta mqabbel mal-2009, l-aktar minħabba l-appoprjazzjonijiet aktar baxxi għall-binja l-ġidida tal-Qorti (K3).

L-ispiża totali tal-bini tal-binja K3 hija meqjusa għal 79 miljun euro u se tkun iffinanzjata f'erba' snin suċċessivi: 55 miljun euro fl-2009; 11 fl-2010; 7 fl-2011 u 6 fl-2012.

BAĠIT	2010	2009	2008
			(f'1 000 ta' euro)
10 – Membri tal-istituzzjoni	13 364	11 718	12 061
12 – Uffiċjali u aġenti temporanji	94 246	92 086	88 712
14 – Persunal ieħor u servizzi esterni	4 590	4 497	4 248
162 – Missjoni	3 450	3 290	3 212
161, 163, 165 – Nefqiet oħrajin relatati ma' persuni marbutin mal-istituzzjoni	2 861	2 684	2 286
Subtotal it-Titolu 1	118 511	114 275	110 519
20 – Bini	18 518	62 891	12 110
210 – IT&T	6 365	6 269	5 879
212, 214, 216 – Bini u spejjeż marbuta	877	981	1 147
23 – Nefqa amministrattiva kurrenti	404	439	425
25 – Laqgħat, konferenzi	868	868	876
27 – Informazzjoni u pubblikazzjoni	2 389	1 921	1 813
Subtotal it-Titolu 2	29 421	73 369	22 250
Total il-Qorti tal-Awdituri	147 932	187 644	132 769

IS-SERVIZZ TAL-VERIFIKA INTERNA

L-iskop tas-Servizz tal-Verifika Interna tal-Qorti huwa li jassisti lill-Qorti fil-kisba tal-objettivi tagħha permezz ta' evalwazzjoni sistematika u metodoloġika ta' ġestjoni tar-riskju, kontroll intern u proċeduri ta' amministrazzjoni. Is-Servizz tal-Verifika Interna wkoll jagħmel proposti mfassla biex itejbu l-effiċjenza tal-Qorti. Dan jeħtieġ evalwazzjoni kostanti tas-sistemi ta' kontroll intern fi ħdan il-Qorti sabiex l-effettività tagħhom tkun ivvalutata.

Fl-2009 x-xogħol tas-Servizz tal-Verifika Interna tal-Qorti ffoka b'mod notevoli fuq il-verifika finanzjarja (il-verifikazzjoni tal-kontijiet), reviżjoni tal-verifikazzjoni *ex-ante*, verifika tas-salarju, verifika tal-kontijiet temporanji tal-baġit, segwit u ta' kuntratti u ta' proċeduri tal-akkwist pubbliku, kif ukoll analiżi tal-eżerċizzju tal-promozzjoni tal-persunal. Il-biċċa l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet tal-verifika magħmula fl-2009 mill-Awditur Intern kien aċċettati minn min kien ivverifikat u dawn ġew integrati fil-pjanijiet ta' azzjoni korrettiva.

Il-Kumitat tal-Verifika tal-Qorti jissorvelja l-attività tal-Awditur Intern u jiżgura l-indipendenza tiegħu/tagħha. Huwa jiddiskuti wkoll u jieħu nota tal-programm tax-xogħol u tar-rapporti tal-Awditur Intern u jitlob (jekk hemm bżonn) lill-Awditur Intern biex dan iwettaq verifikasi speċjali

Fl-2009 s-Servizz tal-Verifika Interna kien iċċertifikat b'mod indipendenti u pożittiv minn reviżur professjonal, indipendenti u estern, Deloitte S.A. Ix-xogħol imwettaq minn Deloitte wassal għar-riżultat li ġej:

“B'mod ġenerali, is-Servizz tal-Verifika Interna tal-Qorti Ewropea tal-Audituri ġeneralment jikkonforma mad-definizzjoni tal-Istitut ta’ Audituri Interni dwar il-Verifika Interna, mal-Kodiċi ta’ Etika u mal-Standards Internazzjonali għall-Prattika Professjonal tal-Verifika Interna.”

Konsegwentement, l-attività tal-Verifika Interna tista' tuża l-frażi ta' konformità “tikkonforma mal-Standards Internazzjonali għall-Prattika Professjonal tal-Verifika Interna” f’rapporti futuri sakemm titwettaq valutazzjoni esterna ġidida f’dawn il-ħames snin li ġejjin.

IL-VERIFIKA ESTERNA TAL-QORTI

Ir-Rapport mill-awditurestern indipendenti dwar il-kontijiet tal-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2008 kien ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fit-23 ta' Ottubru 2009 (ĠU C 254, 23.10. 2009).

Fl-opinjoni tal-verifika tiegħu l-awditurestern indipendenti tal-Qorti (PricewaterhouseCoopers SARL) ifformula l-konklużjonijiet li ġejjin:

Dwar ir-rendikonti finanzjarji:

"Fl-opinjoni tagħna, dawn ir-rendikonti finanzjarji jagħtu stampa reali u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri fil-31 ta' Diċembru 2008, u kif ukoll tal-prestazzjoni finanzjarja tagħha u l-likwidità tagħha għas-sena li ntemmet dakħar, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jippreskrivi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill imsemmi u r-Regoli tal-Kontabilità tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri."

Dwar l-użu tar-riżorsi u l-proċeduri ta' kontroll:

"Abbażi ta' xogħolna deskritt f'dan ir-rapport, xejn ma ġibed l-attenzjoni tagħna li jégeħiġna nemmnu li fl-aspetti materjali kollha u abbażi tal-kriterji deskritti hawn fuq: (a) ir-riżorsi assenjati lill-Qorti ma ntu żawx għall-għanijiet li kienu intenzjonati għalihom, (b) il-proċeduri ta' kontroll fis-seħħi ma jagħtux il-garanziji meħtieġa biex jiżguraw il-konformità tal-operazzjonijiet finanzjarji mar-regoli u r-regolamenti applikabbi."

DIKJARAZZJONI MILL-UFFIĊJAL TA' AWTORIZZAZZJONI B'DELEGA

52

Jien hawn taħt iffirmat, is-Segretarju-Ġenerali tal-Qorti Ewropea tal-Audituri, fil-kapaċità tiegħi bħala uffiċjal ta' awtorizzazzjoni b'delega:

- niddikjara li l-informazzjoni mibgħuta lill-Qorti sabiex hija tkun tista' tagħmel dan ir-rapport hija vera u preċiża¹³; u
- niddikjara li għandi assigurazzjoni raġonevoli li:
 - ir-riżorsi assenjati lill-attivitajiet deskrittivi f'dan ir-rapport intużaw għall-iskop maħsub tagħhom u skont il-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja tajba, u
 - il-proċeduri ta' kontroll impoġġija fis-seħħi jagħtu l-garanziji meħtieġa dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baži¹⁴.

Din l-assigurazzjoni raġonevoli hija bbażata fuq il-fehma tiegħi u fuq l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tiegħi, bħar-riżultati tal-kontrolli *ex post*, ir-rapporti tal-awditur intern u r-rapporti tal-awditur estern għal snin finanzjarji preċedenti.

Nikkonferma li m'għandi l-ebda għarfien dwar kwalunkwe ħaġa li mhixiex irrappurtata hawnhekk li tista' tkun ta' detriment għall-interessi tal-istituzzjoni.

Magħmula fil-Lussemburgo, it-12 ta' Frar 2010.



Eduardo Ruiz García
Segretarju-Ġenerali

¹³ F'dan il-kuntest, "vera u preċiża" tħisser stampa affidabbli, sħiħa u korretta tal-istat tal-affarijiet fis-servizz.

¹⁴ F'dan il-kuntest, "tranżazzjonijiet ta' bażi" tħisser it-tranżazzjonijiet li tagħhom jiena l-uffiċjal ta' awtorizzazzjoni b'delega.

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Ir-Rapport ta' Attività Annuali għall-2009

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

2010 — 52 pp. — 21 × 29,7 cm

ISBN 978-92-9207-645-0

doi:10.2865/31866

Kif jiġu akkwistati l-pubblikazzjonijiet tal-UE

Pubblikazzjonijiet għall-bejgħ:

- permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>);
- mill-ħanut tal-kotba tiegħek billi tikkwota t-titlu, il-pubblikatur u/jew in-numru tal-ISBN;
- billi tikkuntattja wieħed mill-aġenti tagħna direttament inkarigat mill-bejgħ. Tista' takkwista d-dettalji ta' kuntatt tagħhom permezz tal-link <http://bookshop.europa.eu>, jew billi tibgħat faks fin-numru +352 2929-42758.

Pubblikazzjonijiet mingħajr ħlas:

- permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>);
- mir-rappreżentanzi tal-Kummissjoni Ewropea jew mid-delegazzjonijiet. Tista' takkwista d-dettalji ta' kuntatt tagħhom permezz tal-link <http://ec.europa.eu>/ jew billi tibgħat faks fin-numru +352 2929-42758.

www.eca.europa.eu



QJ-AA-10-001-MT-C



Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

www.eca.europa.eu

ISBN 978-92-9207-645-0

9 789292 076450



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet